# Il-Mixja Twila għall-Ftuħ tal-Knisja Parrokkjali l-Ġdida ta' Santa Venera V.M.



**Kitba ta' Chris Falzon**
*Segretarju Kumitat Festi Esterni*

## Daħla

F'dawn l-aħħar snin il-Patrijiet Karmelitani donnhom ħadu l-laqam ta' kif jgħidu bl-Ingliż: *The Church Builders*. Dan ghaliex fuq spallejhom kellhom il-bini tal-knejjes tagħhom li hemm fil-Belt, il-Balluta u l-Fgura. L-aħħar waħda minn din is-sensiela ta' bini hija l-knisja parrokkjali l-ġdida ta' Santa Venera. Il-Karmelitani ma ġewx f'Santa Venera minn jeddhom. Intalbu biex jiġu hawn. Laqgħu t-talba ta' min kien qed imexxi l-Knisja f'Malta għax ħassew ħafna għall-poplu Vendriż meta rawh kważi abbandunat mill-ħtiġijiet spiritwali tant meħtieġa. Sabu l-bsaten fir-roti iżda kienu determinati li jiġu hawn – barra mis-swar tal-Belt u ta' l-Imdina – biex jifirxu xogħolhom qalb il-Vendriżi. Fl-1912 ġew hawn u qatt ma ħarsu lura mill-pass li ħadu. Meta Santa Venera saret parroċċa u raw li l-knisja l-antika kienet żgħira għall-ħtiġijiet pastorali tagħhom, huma ħarsu 'l quddiem u b'rieda soda riedu jibnu knisja akbar fejn setgħu jibnu komunità aktar ħajja fi twemminha. Din kienet il-ħolma tagħhom... U dawn huma l-passi li mxew sakemm din il-ħolma seħħet!



## Il-Knisja u l-Kunvent

Fil-post fejn illum insibu l-knisja l-antika ddedikata lil Santa Venera V.M., qabel din, kienet ġiet mibnija knisja żgħira li kienet isservi bħala kappella taċ-ċimiterju li fih kienu jindifnu suldati barranin. Skond skrittura li

kienet dehret f'gazzetta lokali, jingħad li din inbniet fis-sena 1473 u li l-Kapitlu tal-Katidral ta' l-Imdina kien jaħtar vigarju tal-knisja. Fil-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu XVI, Mons. Bonifacio Catagnano akkwista żewġ għelieqi fl-istess inħawi tal-kappella msejħin *Ta' Santa Venera*, sakemm eżatt f'nofs is-snin ta' l-istess seklu, l-istess kappella sarulha xi tibdiliet strutturali billi ttawlet u twessgħet. Dan bis-saħħa ta' l-akkwist taż-żewġ għelieqi li għadni kif semmejt.

Barra dan, fil-ktieb tiegħu *Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo*, il-kittieb Achille Ferres jgħid li l-knisja preżenti magħrufa bħala l-knisja l-antika u Matrici ta' Santa Venera V.M. bdiet tinbena fl-1659, fl-istess post fejn tinsab illum u tlestiet minn kollox għall-festa ta' Santa Venera V.M. fis-sena 1688 jiġifieri għal nhar is-26 ta' Lulju. Ix-xogħol għall-bini mill-ġdid tal-knisja jmur lura għall-1647 wara li l-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Mikiel Giovanni Balaguer, ħareġ il-permessi meħtieġa bid-data ta' l-14 ta' Mejju 1647 biex tinħatt il-knisja li kien hemm u tinbena oħra aħjar taħt is-sorveljanza ta' l-arkitett minn Ħal Lija Giovanni Barbara. Il-promoturi ewlenin kienu D. Giacomo Felici u Gio. Maria Zammit li kienu wkoll Prokuraturi ta' l-istess knisja. Il-knisja għandha tliet bibien, l-ewlieni jħares lejn in-Nofsinhar b'tieqa fuqu u tal-ġnub wieħed iħares fil-Lvant u l-ieħor fil-Punent. Fiha tliet artali: l-artal maġġur u żewġ artali tal-ġnub. Wara l-artal maġġur insibu l-kwadru titulari fi gwarniċa tal-ġebel li juri l-Qaddisa Venera xxandar il-kelma ta' Alla. Il-kwadru ta' l-artal tan-naħa tal-lemin, li jirrappreżenta l-Kruċifissjoni (lid-Duluri) juri lil Ġesù Msallab, lill-Madonna, lill-Madelena u San Ġwann Evangelista taħt is-salib, filwaqt li l-artal tan-naħa l-oħra (dak tax-xellug) juri lill-Madonna tal-Karmnu, xogħol il-pittur Giuseppe Calì (1846-1930). Fuq il-ġnub taż-żewġ artali, lejn in-naħa tal-bieb ewlieni hemm żewġ bibien, wieħed iħares lejn il-Lvant li jinfed għall-kuritur tal-kunvent u l-ieħor lejn il-Punent li jagħti għal barra. Fid-daħla tal-bieb li jagħti għall-kunvent insibu n-niċċa tad-Duluri u faċċata tagħha hemm it-taraġ li jagħti għall-gallarija ta' l-orgni. Taħt il-gallarija hemm tliet niċeċ li fihom jinsabu l-istatwa titulari ta' Santa Venera V.M., xogħol Karmenu Mallia, l-istatwa ta' San Ġużepp, xogħol l-istatwarju Karlu Darmanin u statwa oħra ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Ġo niċċa oħra ssib il-fonti tal-magħmudija. Li huwa importanti għalina huwa l-fatt li l-knisja minn dejjem kellha bħala titular lill-Qaddisa Verġni u Martri Santa Venera, qaddisa li għexet fit-tieni seklu tal-Knisja u li skond missirijietna jemmnu li bħal Sant'Agata, kienet ġiet Malta biex twarrab mill-persekuzzjoni tal-pagani. Il-festa kienet issir ta' kull sena mill-arċipriet ta' Birkirkara.

## L-Eremiti ta' San Calogero

Fis-sena 1742, Fra Giacchino Vivas, eremit Naplitan ta' San Calogero, bena edifiċċju mal-knisja magħmul minn ħafna kmamar u hemm ġabar xi eremiti minn Sqallija u minn Malta biex jgħixu 'l bogħod minn nies taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof Monsinjur Paolo Alpheran de Bussan. Kwadru kbir impitter fuq l-injam tal-Fundatur ta' dawn l-eremiti San Calogero jinsab fis-sagristija tal-knisja. Fra Ġwakkin kien miet fl-istess kunvent nhar it-2 ta' Ġunju 1749 u jingħad li kien ġie midfun fil-knisja stess.

Dan l-eremitaġġ ġie mkabbar b'sular ieħor, spejjeż tal-Prijur Signor Raffaele Dorell li ħa l-forma ta' kunvent kif nafuh illum, bid-differenza ta' xi tibdiliet żgħar. Wara huma komplew jgħaddu ħajja sempliċi bħala nies ta' ruħ tajba li kienu mmexxijin minn saċerdot. Is-soltu ma kinux iktar minn sitta u fl-1751, meta żar l-eremitaġġ l-Isqof Mons. Paolo Alpheran, kienu biss tliet eremiti taħt ir-Rettur is-Saċerdot Pietro Mifsud.

Fis-sena 1764, bl-approvazjoni ta' l-isqof Monsinjur Bartolomeo Rull, il-Patrijiet Franġiskani Minuri Osservanti kienu waslu biex jieħdu f'idejhom il-knisja u l-kunvent. It-trattattivi tant kienu mxew 'il quddiem li nhar it-23 ta' Mejju 1764, skond l-atti tan-Nutar Ignazio Bonavita, sar il-kuntratt għaċ-ċens ta' l-eremitaġġ ta' Santa Venera bejn il-Prepostu ta' Birkirkara l-Kanonku Dr. Giuseppe Vassallo u l-Patrijiet Franġiskani Minuri Osservanti u r-riserva tal-benefikat ta' l-Isqof P. Ġwanni Nikol Falzon Vigarju u P. Vinċenz Fedele La Rosa. Imma dawn m'aċċettawx xi drittijiet fil-kuntratt u l-eremitaġġ ta' Santa Venera baqa' taħt il-parroċċa ta' Birkirkara għax il-ftehim ma kienx intlaħaq. Ta' min jgħid li fis-sena 1907 reġa' sar tentattiv ieħor biex il-Patrijiet Franġiskani Minuri Osservanti jieħdu taħt idejhom il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera, iżda għal darb'oħra dan it-tentattiv reġa' falla.

## Il-Patrijiet Ġiżwiti

Fis-snin sittin u l-bidu tas-snin sebgħin tas-seklu XIX il-kunvent kien qed jiġi abitat mill-Patrijiet Ġiżwiti wara li kien ġie mċedi mill-Konti Giovanni Messina li kien spiċċa f'idejh b'ċens. Dawn kienu ġabu xi studenti sabiex jagħmlu l-istudji tagħhom hemm iżda dan kien biss għal ftit snin, għax dan ma wesagħhomx aktar u ddeċidew li jikru żewġt idjar fil-qrib li damu għandhom sa l-1880.

Minn din is-sena sa l-1900 baqgħu jgħammru biss fir-remitorju sakemm ftit ftit tbattlu u żammew dan il-post bħala dar ta' villeġġjatura sa l-1904. Tul iż-żmien li l-Ġiżwiti damu Santa Venera kellhom erba' Provinċjali li għexu

hawn flimkien ma' patrijiet oħra ċelebri, kif ukoll studenti Ġiżwiti li wara kellhom karriera sabiħa.

## Dun Xand Cortis



*Dun Xand Cortis*

Wara li l-istess Ġiżwiti kienu telqu minn idejhom il-knisja u l-kunvent, fl-1901, l-Arċisqof ta' dak iż-żmien Monsinjur Pietru Pace, bil-kunsens tal-Prepostu ta' Birkirkara, innomina lil Dun Xand Cortis bħala rettur tal-knisja ta' Santa Venera V.M. Dun Xand, fqajjar minn Ħad-Dingli twieled nhar il-11 ta' Jannar 1856. Ta' 25 sena ġie ordnat saċerdot, fis-17 ta' Diċembru 1881 u għadda l-biċċa kbira ta' ħajtu f'Santa Venera fejn kien joqgħod fi Triq Braille, (kif inhi magħrufa llum) triq mhux 'il bogħod mill-knisja ta' Santa Venera V.M. Dun Xand kien twajjeb, bniedem għaref, missjunarju, kittieb u fuq kollox kien jaħden bil-qalb fejn tidħol is-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

Għalhekk meta beda jara li ż-żmien kien qed jagħmel tiegħu fuqu, bil-poplu dejjem jikber, malajr fehem li ma jistax ikun li jlaħħaq mal-bżonnijiet kollha tal-knisja u l-kunvent li hu kien rettur tagħha, u ħadem kemm felaħ biex jara li l-knisja taqa' f'idejn xi patrijiet biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb huma. Xewqa kbira oħra tiegħu kienet li din tiġi mgħollija għad-dinjità ta' parroċċa. Għalkemm il-ħsieb tiegħu seħħ, hu ma kellux ix-xorti li jkun preżenti, għax nhar is-17 ta' Frar 1916 waqt li kien sejjer jagħmel erba' passi mal-Provinċjal tal-Karmelitani l-Majjistru Patri Spiridjun Vassallo O. Carm., miet malajr wara li ħass xi attakki. Huwa miet assistit minn Patri Spir ħdejn dik li jgħidulha l-Arkata l-Baxxa, wara li tgħaddi l-Fleur-de-Lys u taqbad l-akwadott lejn l-Imrieħel.

## Jiġu avviċnati iżjed Ordnijiet

Fis-sena 1906, il-Patrijiet Agostinjani, wara li ġew avviċinati minn Mons. Salvatore Grech, Vigarju Ġenerali, bdew it-trattattivi ma' Mons. Isqof Pietru Pace u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara biex jieħdu taħt idejhom il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera. Nhar it-23 ta' April, 1906 ir-Rev. Patri Agostino Cascun, Provinċjal ta' l-Agostinjani kiteb lil Mons. Isqof fejn talbu jaċċetta t-talba tagħhom kemm jista' jkun malajr u jċedi a favur tal-Provinċja Agostinjana, b'ċerti kundizzjonijiet favorevoli u aċċettabbli, il-knisja ta' Santa Venera bil-kunvent u l-ġonna li jmissu magħha biex fihom iwaqqfu komunità reliġjuża Agostinjana b'erba' reliġjużi: tliet saċerdoti u ajk bħala sagristan.

Dakinhar stess, Mons. Isqof kien talab l-opinjoni tal-Prepostu ta' Birkirkara u tal-Kapitlu Elenjan.

B'risposta mibgħuta lil Mons. Isqof, li ġġib id-data tat-8 ta' Mejju 1906, il-Prepostu u Kurat ta' Birkirkara, il-Kan. Alfonso Borg kiteb li l-Kapitlu, sa fejn jirrigwardja lilu, mhux kontra li l-Agostinjani tingħatalhom din il-konċessjoni, iżda b'dawn il-kundizzjonijiet hekk kif ġej:

a. Li tkun riservata lill-Kapitlu l-funzjoni u l-festa ta' Santa Venera u li l-predikatur tal-festa jagħżlu l-Kapitlu;
b. li l-Agostinjani għandhom jakkumpanjaw fil-purcissjoni ta' Santa Elena ta' kull sena;
c. li l-patrijiet m'għandhom qatt jieħdu sehem fil-kongregazzjoni, fil-festa, fl-indulġenzi u f'każ f'xi futura Fratellanza tal-BVM taċ-Ċintura, minħabba d-distanza ta' bejn il-knisja parrokkjali ta' Santa Elena u dik filjali ta' Santa Venera;
d. li jitħarsu d-drittijiet parrokkjali ta' Birkirkara;
e. li l-Prepostu jkompli jmexxi l-purċissjoni tat-tfal fil-knisja ta' Santa Venera fl-ewwel u fit-tielet jum tal-Karnival ta' kull sena;
f. li l-Agostinjani jagħtu servizz reliġjuż lill-abitanti ta' l-inħawi u li jżommu l-knisja fi stat tajjeb;
g. li jekk fil-futur, għal xi raġuni oħra, l-Agostinjani jitilqu mill-knisja ta' Santa Venera, il-kunvent u l-ġonna, il-Prepostu jkollu d-dritt tal-preferenza li din il-proprjetà terġa' lura għandu;
h. li l-Agostinjani, b'sens ta' gratitudni lejn il-Prepostu ta' Birkirkara, talli kien irrinunzja u ċedielhom ir-rettorat u l-amministrazzjoni tal-knisja ta' Santa Venera, għandhom jagħtuh xemgħa ta' ratal nhar it-18 ta' Awissu ta' kull sena f'nhar il-festa;
i. li l-Agostinjani jagħtu kopja legali tal-kuntatt lill-Prepostu f'każ li din il-konċessjoni ssir realtà; u
j. kundizzjonijiet oħra li jista' jagħmel il-Prepostu.

Mentri b'dawn il-kundizzjonijiet kollha, id-definituri tal-Patrijiet Agostinjani, imlaqqgħin ġewwa l-kunvent ta' Santu Wistin, il-Belt Valletta, ma tantx niżlulhom tajjeb u infatti b'ittra bid-data tas-17 ta' Lulju, 1906 mibgħuta lil Mons. Isqof talbuh jikkunsidra sew min għandu raġun u talbu lir-Rev. Kapitlu biex jikkunsidra mill-ġdid il-kundizzjonijiet li kien għamel u talbuh jirtira l-ewwel żewġ kundizzjonjiet tiegħu – ir-riserva għall-Kapitlu fil-festa ta' Santa Venera u l-għażla tal-paniġerista tal-festa u li l-Agostinjani jakkumpanjaw fil-purċissjoni ta' Santa Elena ta' kull sena.

Għar-rigward tal-kundizzjonijiet l-oħra, l-Agostinjani kellhom ukoll xi

osservazzjonijiet fosthom li x-xemgħa tintbagħat lill-Prepostu f'forma privata u mhux uffiċjali, u dan kif jidhirlu xieraq il-Pirjol ta' Santa Venera meta jkun il-każ.

Il-Kapitlu Elenjan iltaqa' biex jiddelibera l-osservazzjonijiet ta' l-Agostinjani nhar is-6 ta' Awissu 1906 u permezz tan-Nutar Giuseppe Zammit, kanċillier tal-Kapitlu għarraf b'kollox lil Mons. Isqof Pace b'ittra li ġġib id-data ta' l-14 ta' Awissu, 1906 fejn min-naħa tagħhom, għalkemm laqgħu t-talba ta' l-Agostinjani dwar li l-Kapitlu ma jibqax izomm id-dritt li jiffunzjona u jagħżel il-paneġerista fil-festa ta' Santa Venera V.M., il-Kapitlu żamm id-dritt tal-preferenza, f'każ li l-Agostinjani jagħżlu lil xi Kapitlu jew xi komunità reliġjuża oħra għall-paneġierku.

L-isforzi baqgħu għaddejjin u proprju ħamest ijiem wara, fil-11 ta' Awissu 1906, l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pietru Pace kiteb lill-Papa f'Ruma fejn esprima l-ħsieb ta' l-Aċidjoċesi ta' Malta li l-knisja ta' Santa Venera, tkun trasferita f'idejn il-Patrijiet Agostinjani bi dritt għalih li jkollu l-awtorizzazzjoni tal-Papa li jħoll milli tiġi fis-seħħ xi kundizzjoni tal-Kapitlu Elenjan biex b'hekk l-affarjiet jirrisolvew ruħhom b'mod stabbli għall-ġid spiritwali ta' tant fidili, li diġà jaqdu l-ħtiġijiet reliġjużi tagħhom b'tant tbatija, temm l-ittra tiegħu Mons. Arċisqof.

Fl-istess ittra huwa semma li l-knisja in kwistjoni hija frekwentata ħafna, speċjament fil-Ħdud u Festi Kmandati minn bosta fidili li jabitaw fl-inħawi mifruxa li parrokkjalment jappartjenu mhux biss lill-parroċċa ta' Birkirkara, iżda wkoll ta' l-Imsida, tal-Ħamrun u ta' Ħal Qormi.

Dakinhar ukoll, intbagħtet ittra indirizzata lil Mons. Gaetano De Lac, segretarju tas-Sagra Kongregazzjoni ta' l-Isqfijiet u Reliġjużi f'Ruma biex b'hekk ikunu infurmati b'kollox l-Isqfijiet tal-Kongregazzjoni. Huwa emfasizza li għall-ġid spiritwali ta' l-inħawi tal-knisja ta' Santa Venera kien meħtieġ ferm li jkun jista' jħoll kwalunkwe kundizzjoni imposta mill-Kapitlu Elenjan lill-Patrijiet Agostinjani.

Komplew l-isforzi min-naħa ta' l-Arċisqof Pace u nhar l-4 ta' Settembru 1906, permezz ta' Addenda, reġa' kiteb lis-Sagra Kongregazzjoni ta' l-Isqfijiet f'Ruma fejn talab lis-Santa Sede biex tawtorizzah li jasal għal xi forma ta' ftehim b'mod verbali u reġa' talab li jkollu l-awtorizzazzjoni li jħoll milli tiġi fis-seħħ xi kundizzjni tal-Kapitlu Elenjan.

Dawn l-isforzi kollha li kienu saru min-naħa ta' l-Isqof Pace, ma solvew xejn għax meta l-Provinċjal ta' l-Agostinjani ra li kien għadu bla ebda risposta, huwa kien bagħat ittra lil Mons. Arċisqof fejn għarrfu li ma setax jaċċetta l-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera bil-kundizzjonijiet mitluba, speċjalment

għan-nuqqas ta' mezzi għall-patrijiet jekk din ma ssirx parroċċa. Tajjeb jingħad li s'issa għadha ma nstabet l-ebda forma ta' risposta finali min-naħa tas-Santa Sede.

Imbagħad l-Arċisqof Mons. Pietru Pace ried jagħti l-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera lill-Patrijiet Dumnikani. Għaldaqstant tahom il-korrispondenza li kienet għaddiet bejn il-Patrijiet Agostinjani u l-Kurja ta' l-Arċisqof. Mentri meta ġew għall-votazzjoni jekk għandhomx jaċċettaw jew le l-pussess tal-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera, il-proposta m'għaddietx.

Fl-istess waqt, Dun Xand Cortis kien irnexxielu jiġbor tnejn u ħamsin lira wara li kien jerfa' minn butu ħames xelini kull tliet xhur biex jagħtihom lis-Sagristan Vincenzo Farrugia biex jieħu ħsieb jindokra l-lampi tal-knisja, kif ukoll għat-tiswija tal-kunvent u b'dan bagħat javża b'rikors lill-Eċċellenza Reverendissimu l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pietru Pace.

Sadanittant intgħażel Provinċjal tal-Patrijiet Dumnikani, il-Majjistru Patri Antonio Grech. Riedu jerġgħu jkomplu miegħu t-trattativi dwar il-knisja u l-kunvent. Billi diġà kien hemm deċiżjoni dwar dan, il-Provinċjal il-ġdid ma xtaqx għall-mument jerġa' jqajjem il-kwistjoni, iżda pprefera jistenna l-mument f'waqtu.

Dik il-ħabta wasal Malta l-Viżitatur Appostoliku ta' l-Ordni Dumnikan, Patri Salvatore. Il-Provinċjal kellmu dwar Santa Venera u fil-fatt marru jżuru l-post u kien għoġbu ħafna. Iżda wara, dan ukoll biddel fehmtu.

Dik il-ħabta wkoll kien hawn f'Malta l-Patri Ġeneral tal-Patrijiet Karmelitani Tereżjani li kien avviċinat ukoll biex jaċċetta l-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera. Wara li żar il-post u għoġbu ħafna, wieġeb illi minħabba li huma diġà kellhom kunvent ieħor f'Birkirkara, ma kinitx ħaġa xierqa li jaċċetta li jieħdu f'idejhom din il-knisja bil-kunvent magħha.

Matul dan iż-żmien, Dun Ġużepp Borg, Superjur tal-Missjoni l-Kbira, kellem lil Patri Serafin Xerri, li dak iż-żmien kien il-Provinċjal tal-Patrijiet Franġiskani Minuri Osservanti. Patri Serafin żar il-post u għoġbu ferm, tant li kien pront u telaq għal Ruma. Sadanittant wasal Malta Mons. La Fontaine, Viżitatur Appostoliku u jum fost l-oħrajn mar sab lil Dun Xand u għamlu ħin twil jitkellmu fuq il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera. Dun Xand ħadu jara l-knisja u qallu l-Provinċjal Patri Serafin Xerri kien kontra li jieħu f'idejh il-knisja. Billi La Fontaine wera ruħu favur, Dun Xand kien pront u kiteb lill-Patri Serafin li kien għadu Ruma. Qabel ma bagħat l-ittra, dan kien uriha lill-Viżitatur Appostoliku li wera ruħu sodisfatt. Iżda ġara li meta s-Sur Wistin Calleja, Prokuratur tal-knisja, kiteb biex jagħtiha lill-Viżitatur Appostoliku, meta rċieva l-ittra, dan biddel fehmtu.

## Il-Karmelitani f'Santa Venera

Dun Xand, flimkien mas-Superjur tal-Missjoni l-Kbira Dun Ġużepp Borg, komplew bil-ħidma tagħhom u ma qatgħux qalbhom. Bdew iwebblu lill-Patrijiet Karmelitani tal-Belt biex jieħdu f'idejhom il-knisja u l-kunvent li s'issa kienu ħafna dawk l-Ordnijiet li m'aċċettawx li jieħdu f'idejhom dawn it-tnejn. Nhar id-9 ta' Diċembru, 1910 ir-Rev. Patri Majjistru Spiridjun Vassallo O. Carm., Provinċjal ta' l-Ordni Karmelitan u r-Rev. Patri Albert Grech O. Carm., Pirjol tal-kunvent tal-Karmnu tal-Belt, marru biex Dun Xand jurihom il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera. Jingħad li Dun Xand kien mar għand l-Isqof fejn urih li aktar saċerdoti kienu meħtieġa għax-xogħol li ta' kuljum kien qiegħed jiżdied. Kemm l-Isqof kif ukoll il-Provinċjal malajr indunaw kemm kellu raġun Dun Xand, mentri għall-ewwel l-Arċisqof ma riedx li jagħmilha parroċċa. Fl-aħħarnett l-Arċisqof, Monsinjur Pietru Pace wiegħed lil Dun Xand Cortis u lil Dun Ġużepp Borg u lill-Provinċjal Patri Spiridjun Vassallo li Santa Venera jagħmilha parroċċa. Anzi talab lill-istess Provinċjal biex jibda jibgħat xi patrijiet biex jgħinu lil Dun Xand fil-qrar meta jkun hemm bżonn.



*Patri Spiridjun Vassallo*

Wara l-wegħda ta' Mons. Arċisqof Pietru Pace, il-Provinċjal sejjaħ laqgħa ġewwa l-kunvent tal-Karmelitani fil-Belt Valletta nhar l-10 ta' Lulju 1912 għar-Reverendissimi Definituri Provinċjali biex jiddeċiedu dwar Santa Venera. Il-kunsill tal-Provinċja kien favur li jieħu Santa Venera iżda bil-kundizzjoni li din issir parroċċa minnufih, fl-istess ħin li l-Karmelitani jieħdu l-pussess tal-knisja u l-kunvent.

B'riżultat ta' din il-laqgħa, nhar it-13 ta' Lulju 1912 ġiet ippreżentata fil-Kanċellerija tal-Kurja, talba formali lill-Arċisqof, iffirmata mill-Provinċjal Patri Spiridjun Vassallo O. Carm., biex jagħti lill-Patrijiet Karmelitani l-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera.

Id-digriet ta' l-Arċisqof bid-data tat-30 ta' Lulju 1912 kien ta' sorpriża kbira għall-Provinċjal Vassallo tant li fil-5 ta' Awissu 1912 kiteb lil Dun Xand bl-istess kliem tar-risposta ta' l-Arċisqof:

> *"Nilqgħu bil-qalb kollha t-talba tal-Karmelitani biex tingħatalhom il-knisja ta' Santa Venera u d-dar li tmiss magħha, u nirriservaw li niddeċiedu fil-ħin opportun dwar jekk titwaqqafx bħala parroċċa din il-knisja.*

*Il-Palazz Arċiveskovili Valletta, 30 ta' Lulju 1912*

*Pietru Pace, Arcisqof ta' Malta."*

Il-Provinċjal kompla jikteb lil Dun Xand:

*"X'jidhirlek? Imqar wegħda formali dwar il-parroċċa. X'differenza bejn il-wegħda magħmula bil-kliem u l-ittra! Minnaħa tiegħi ħadt ir-riżoluzzjoni li ma naċċettax il-knisja ta' Santa Venera jekk ma tiġix iddikjarata minn qabel parroċċa."*

Jingħad li nhar it-18 ta' Settembru 1912 kienet twasslet xi forma ta' wegħda bil-fomm dwar li Santa Venera ssir parroċċa u għalhekk il-Provinċjal Karmelitan Vassallo reġa' laqqa' d-Definitorju Karmelitan ġewwa l-kunvent tal-Belt nhar l-4 ta' Ottubru, 1912. Għal dak li ġie diskuss fl-istess Kunsill, l-istess Provinċjal kiteb lil Mons. Arċisqof Pietru Pace fejn qallu li b'risposta għad-diġriet tiegħu tat-30 ta' Lulju 1912 u għall-promessa msemmija aktar 'il fuq, il-Patrijiet Karmelitani kienu lesti li jaċċettaw bil-qalb kollha l-kappella ta' Santa Venera u l-kunvent li jmiss magħha bid-dritt u d-dmir li jamministraw is-Sagramenti kollha minbarra s-Sagrament taż-Żwieġ u li b'dan kollu ma jaċċttawx tali obbligu (inkarigu) għal aktar minn sena, u li malli tgħaddi s-sena u sadattant ma tkunx imwaqqfa parroċċa, huma jirtiraw mill-knisja u l-kunvent u jinħallu minn kull obbligu.

Meta l-Arċisqof Monsinjur Pace twasslitlu din l-ittra, huwa beda t-triq biex din il-knisja ssir parroċċa billi sejjaħ lill-Prepostu ta' Birkirkara biex jirrelata wara li dan ikun sema' l-fehmiet tal-Kapitlu tiegħu.

Imbagħad talab il-kummenti tal-kappillani ta' Ħal Qormi, tal-Ħamrun u ta' l-Imsida fejn dawn, min-naħa tagħhom, nhar it-22 ta' Ottubru 1912 kitbu lura lil Mons. Arċisqof fejn permezz ta' ittra ffirmata minnhom it-tlieta, kienu qegħdin jagħtu l-kunsens tagħhom biex il-kappella ta' Santa Venera, fil-limiti ta' Birkirkara, mhux biss tkun elevata bħala viċi-parroċċa, imma wkoll bħala parroċċa. L-istess ittra ġiet iffirmata mill-Kappillan ta' Ħal Qormi Rev. Manuel Pace, mill-Kappillan ta' l-Imsida Rev. Calcedonio Schembri u mill-Kappillan tal-Ħamrun Rev. Giuseppe Muscat.

Imbagħad kien fadal ir-risposta tal-Kapitlu Elenjan u nhar it-30 ta' Ottubru 1912, fil-Kanċellerija tal-Kurja, ġiet ippreżentata r-risposta mill-Prepostu u Kurat ta' Birkirata l-Kanonku Alfonso Borg fejn, filwaqt li għamlu riferenza għat-talba tal-Mons. Arċisqof u għat-talba tal-Patrijiet Karmelitani biex

tingħatalhom il-knisja ta' Santa Venera bil-kunvent li jmiss magħha, il-Kapitlu mlaqqa' nhar it-28 ta' Settembru 1912, qabel ma saritlu t-talba formali minn Mons. Arċisqof, laqa' t-talba tal-Karmelitani sal-punt li din il-knisja ta' Santa Venera V.M. issir parroċċa. Anzi huwa kompla billi qal li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu biex il-knisja ta' Santa Venera V.M. tkun maqtugħa mill-parroċċa ta' Birkirkara u tkun iddikjarata parroċċa b'territorju u limiti proprji tagħha kif stabbiliti fid-Dritt Kanoniku u sakemm tkun iddikjarata parroċċa, il-Patrijiet Karmelitani jamministraw is-Sagramenti kollha, minbarra dak taż-Żwieġ.

Sadanittant, il-Provinċjal tal-Karmelitani laqqa' l-Kunsill tal-Provinċja Karmelitana nhar it-3 ta' Ottubru u kiteb lill-Vigarju Ġenerali ta' l-Ordni, Patri Giuseppe Lovero għall-permessi meħtieġa biex jieħdu f'idejhom il-knisja ta' Santa Venera u l-kunvent li jmiss magħha.

Dun Xand ukoll kiteb lill-Vigarju Ġenerali ta' l-Ordni biex jagħmillu kuraġġ u jaċċetta li l-Patrijiet Karmelitani Maltin jieħdu f'idejhom il-viċi-parroċċa ta' Santa Venera.

Il-Kurja Ġeneralizja ta' l-Ordni Karmelitan f'Ruma kienet favur li l-Patrijiet Karmelitani Maltin jieħdu l-viċi-parroċċa ta' Santa Venera. Għaldaqstant kitbu lill-Kongregazzjoni biex tagħtihom id-dispensi meħtieġa.

F'digriet maħruġ fit-8 ta' Novembru, 1912 mill-Arċisqof Monsinjur Pietru Pace u permezz tal-kunsens tal-Prepostu ta' Birkirkara, ta' l-Arċipriet ta' Ħal Qormi, tal-kappillani tal-Ħamrun u ta' l-Imsida kif ukoll għax-xewqa li tant kellu f'ħajtu Dun Xand Cortis, l-Arċisqof għoġbu jikkonferma d-digriet tiegħu tat-30 ta' Lulju 1912 u waqqaf temporanjament il-Knisja ta' Santa Venera bħala viċi-parroċċa bid-drittijiet u l-obbligi tas-soltu, li jinżamm kuljun is-Santissimu Sagrament u li jkunu amministrati s-Sagramenti kollha, minbarra dak taż-Żwieġ. U dan apparti mill-kundizzjoni li għamlu l-Patrijiet Karmelitani li din il-knisja ssir parroċċa fi żmien sena u li dwar dan jerġa' jingħata provediment.

Fir-realtà jingħad li dan id-digriet kien ifisser biss li kienet qiegħda tingħata t-tmexxija tal-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera f'idejn il-Patrijiet Karmelitani Maltin wara li kienu saru diversi attentati ma' Komunitajiet oħra biex jiksbu din il-knisja.

L-ewwel reliġjużi Karmelitani li marru f'dan il-kunvent kienu l-Wisq Reverendissimu Provinċjal Patri Spiridjun Vassallo O. Carm. S. Th. M., Patri Ġwann M. Azzopardi O. Carm., Patri Telesforo Tanti O. Carm., Fra Spiridjun Schembri O. Carm. u Fra Pawl Mifsud O. Carm.

In-nies laqgħuhom ferm tajjeb tant li nġiebet banda u wara li għamlet marċ

mat-toroq ta' Santa Venera, daqqet programm ħdejn il-knisja. Bir-raġun ferħu n-nies għax kienu ilhom mixtieqa li jkollhom xi saċerdoti joqogħdu fil-post u fuq dan kienu kitbu darbtejn direttament lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju X, nhar is-6 ta' Frar 1905 u nhar il-25 ta' Frar 1906 fejn ilmentaw bl-abbandun spiritwali li kienu jinsabu fih u li għandhom nofs siegħa biex imorru l-parroċċa ta' Birkirkara.

F'dan iż-żmien ta' meta l-Patrijiet Karmelitani ħadu f'idejhom il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera V.M. kien sar inventarju u hemm imniżżel li fil-knisja kien hemm żewġ statwi, dik ta' Santa Venera V.M. u l-oħra ta' San Ġużepp. Din l-istatwa ta' Santa Venera mkien ma nsibu li ħarġet f'xi purċissjoni, iżda għal xi żmien kienet tinsab fil-faċċata wara l-artal maġġur fil-kappella tax-*Chateau Lonz*. Illum din tinsab f'niċċa fil-kripta tal-knisja parrokkjali l-ġdida.


PETRUS PACE

Dei et Apostolicae Sedis gratia

Archiepiscopus Rhodiensis Episcopus Melitensis

## Issir Viċi-Parroċċa

Kienu għaddew biss ftit xhur minn mindu l-Patrijiet Karmelitani ġew f'Santa Venera, meta l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Pietru Pace, Arċisqof ta' Malta fil-11 ta' Marzu 1913 ħareġ id-digriet[1] fejn fiha għarraf lill-poplu li, wara ftehim li sar bejn il-Kappillani ta' Birkirkara, tal-Ħamrun, Ħal Qormi u ta' l-Imsida, b'mod uffiċjali hu kien qiegħed jgħolli l-knisja ddedikata lil Santa Venera V.M. għad-dinjità ta' viċi-parroċċa taħt it-tmexxija ta' Patri Ġwann Azzopardi O. Carm. bħala l-ewwel viċi-kappillan. Huwa kompla billi qal li sakemm issir parroċċa, il-patrijiet setgħu jibqgħu jamministraw is-Sagramenti kollha, barra dak taż-Żwieġ.

Infatti, proprju l-għada ta' meta Santa Venera saret viċi-parroċċa, it-12 ta' Marzu 1913 ġiet mgħammda l-ewwel tarbija li kien Anthony Cuschieri, mgħammed minn zijuh stess il-Professur Patri A. Cuschieri O. Carm. Il-ħsieb ta' l-Arċisqof kien li Santa Venera ma ddumx wisq ma ssir parroċċa indipendenti. Ġara li l-Arċisqof miet u bħalma jiġri f'kull ħaġa oħra, ix-xogħol kellu jitħalla għal ta' warajh.

## Santa Venera ssir Parroċċa

Meta Santa Venera kienet ilha ħames snin viċi-parroċċa, l-Arċisqof il-ġdid Dom Mauro Caruana O.S.B. reġa' sejjaħ il-Kappillani ta' Birkirkara, ta'

Ħal Qormi, tal-Ħamrun u ta' l-Imsida, kif ukoll il-Provinċjal tal-Karmelitani u għarrafhom li wara li kien għarbel ix-xogħol li għamlu l-patrijiet u ra l-ħtiġijiet tan-nies, iddeċieda li Santa Venera tiġi mgħollija għad-dinjità ta' parroċċa. Dan sar bi ftehim iffirmat fl-14 ta' Ġunju 1918 mill-Arċisqof Dom Mauro Caruana u l-Provinċjal tal-Karmelitani Patri Majjistru Spiridjun Vassallo O. Carm. Il-ftehim kien jgħid li trid tittieħed parti minn Birkirkara mmarkata aħdar ċar fil-pjanta Doc. *A*; biċċa minn Ħal Qormi, immarkata aħdar skur; biċċa mill-Imsida, immarkata bl-aħmar skur u biċċa mill-Ħamrun immarkata bl-aħmar ċar. Fil-parti meħuda mill-Ħamrun kien hemm parti mmarkata bil-blu li kellha tibqa' tagħmel mal-Ħamrun sakemm jibqa' l-Kappillan li kien hemm Dun Ġużepp Muscat. Malli spiċċa hu, din il-parti tibda tagħmel mal-parroċċa l-ġdida ta' Santa Venera.


DOM MAURUS CARUANA

ORDINIS S. BENEDICTI

Dei et Apostolicae Sedis gratia

Arch. Rhodiensis Episcopus Melitensis

[No. 7]

2

Wara din il-laqgħa, l-Arċisqof ma ħalliex żmien twil jgħaddi u fl-4 ta' Settembru, 1918 permezz ta' digriet[2] iffirmat minnu stess u mill-Kanċillier Dun P. Vella Mangion B.A., D.D. iddikjara l-knisja ta' Santa Venera V.M. bħala parroċċa għaliha bid-drittijiet u l-obbligi kollha li huma marbuta ma' kull knisja parrokkjali f'Malta. Fil-pastorali wkoll issemma li bħala l-ewwel Kappillan kellu jkun ir-Reverendu Bacc. Patri Ġwann Azzopardi S.Th.M., O. Carm. u li lejh il-fidili kollha kellhom juru rispett u qima. Malli saret parroċċa l-Provinċjal deherlu li biex il-parruċċani jkunu moqdija aktar tajjeb, kien ikun aħjar li jżid żewġ patrijiet oħra. B'dan Santa Venera kienet saret l-ewwel parroċċa li kellhom il-Patrijiet Karmelitani u li għadhom jieħdu ħsieb il-ħajja spiritwali tal-parroċċa sal-lum. Dakinhar stess, ta' meta issa Santa Venera ġiet mogħtija


211 Anno Domini ut supra die vero quarta (4) mensis Septembris Ma Carmela Magro lactans, nata Hamrun, filia Joannis et Michaelinae Grech conjugum, animam Deo reddidit heri hora sexta postmeridiana in Via S. Giorgio N. 13. Eius corpusculum hodie hora decima cum dimidio ante meridiem ad beneficium S. Benedicti delatum fuit ibique in communi sepulcro conditum jacet.

3

d-dinjità ta' parroċċa, fit-3.00 pm ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija[3] minn Patri Ċirillu Ellul fejn ġiet mgħammda Maria Carmela Magro, bint John u Michelina née Grech biex b'hekk saret l-ewwel tarbija li ġiet mgħammda fil-parroċċa ta' Santa Venera. Bi sfortuna għall-istess familja,



dakinhar stess, fi Triq San Ġorġ fond numru 13, l-istess tarbija Maria Carmela Magro ġiet mogħtija lilha s-Sagrament tal-Griżma tal-morda sakemm hija mietet[4] fis-7.00pm. Nhar il-15 ta' Ottubru 1918, il-Kappillan Patri Ġwann Azzopardi O. Carm. amministra s-Sagrament taż-Żwieġ[5] lill-ewwel koppja li żżewġu fil-parroċċa ta' Santa Venera li kienu Henry Ciantar u Marianne Vassallo.



304. Anno Domini millesimo nongentesimo decimo octavo (1918) die vero quarta (4) mensis Septembris Ego Fr: Cyrillus Tellus O. Carm. baptizavi infantem hodie natum hora sexta (6) post meridiem ex Joanne Magro, filio Fidelis, et Michaelina Grech, filia qdam: Carmeli conjugibus; cui imposita sunt nomina: Maria Carmela, Anna, Paolina et Venera. Patrini fuere Alanus De Pasquale, filius qdam: Honorati, et Anna Mercieca, filia qdam: Salvatoris ambo de hac Vice Parocia.

305: Anno Domini ut supra die vero decima

Wara l-mewt tal-Kappillan tal-Ħamrun Dun Ġużepp Muscat, fl-14 ta' Diċembru 1928, il-Majjistru Patri Ġwann Azzopardi, li kien l-ewwel Viċi-Parroku u mbagħad Kappillan ta' Santa Venera u li issa kien laħaq Provinċjal, kiteb lill-Arċisqof Monsinjur Mauro Caruana biex ifakkru fil-ftehim li kien sar fl-14 ta' Ġunju 1918 bejn Monsinjur Arċisqof u l-Provinċjal il-Majjistru Patri Spiridjun Vassallo li wara l-mewt tal-Kappillan tal-Ħamrun, dik il-parti fil-pjanta tal-parroċċa mmarkata bil-blu kellha tgħaddi f'idejn il-parroċċa ta' Santa Venera. Fil-fatt b'digriet maħruġ l-għada l-15 ta' Diċembru 1928, l-Arċisqof Monsinjur Mauro Caruana kkonferma l-estenzjoni tal-limiti tal-parroċċa f'dik il-parti tal-Ħamrun u l-Vigarju Kappillan tal-Ħamrun Dun Ġużepp Vella ġie mgħarraf b'dan id-digriet.

## Il-Miġja u l-Inawgurazzjoni tal-Vara Titulari ta' Santa Venera V.M.

Sa ħafna snin qabel ma Santa Venera saret parroċċa, kienet diġà ssir festa lil Santa Venera. L-ewwel statwa tal-patruna, kienet daqsxejn ta' statwa żgħira, li kienet saret fil-bidu tas-seklu l-ieħor. Din l-istatwa ż-żgħira ta' Santa Venera matul is-sena kienet tinżamm fin-niċċa fil-knisja l-antika, fejn illum tinżamm l-istatwa ta' Santa Tereża. Minn riċerka li kien għamel is-Sur Mario Coleiro, jingħad li din ġiet maħduma mill-magħruf statwarju Ġużeppi Cilia, kif tgħid

tajjeb it-tabella li tinsab fejn saqajha. Huwa jkompli jgħid li xi daqqiet din l-istatwa attribwewha lil Karlu Darmanin, iżda dan bla dubju huwa żbaljat itemm jgħid Coleiro. F'jum il-festa ta' Santa Venera, li kienet tiġi ċċelebrata fl-aħħar Ħadd ta' Lulju jew il-Ħadd l-1 ta' Awissu, kienet tinħareġ minn niċċa u titqiegħed faċċata ħdejn l-artal maġġur fuq in-naħa tal-lemin, imdawra bix-xemgħat u bukketti ta' ward. Filgħaxija kienet id-drawwa li din l-istatwa tinħareġ fuq iz-zuntier tal-knisja, ħdejn il-bieb ta' barra, għax dak iż-żmien il-paniġierku kien isir fuq iz-zuntier tal-knisja. Skond l-inventarju li sar meta l-Patrijiet Karmelitani ħadu f'idejhom il-knisja u l-kunvent fl-1912, fil-knisja kien hemm żewġ statwi, dik ta' Santa Venera u oħra ta' San Ġużepp. Meta nfetħet il-kappella tax-*Chateau Lonz* din l-istatwa ttieħdet hemm u tqiegħdet bħala titular tal-kappella. Meta bdiet tintuża l-kripta, din l-istatwa ttieħdet hemm u tqiegħdet ġo niċċa fejn għadha hemm sal-lum.



## Statwa Titulari Ġdida

Malli ġew il-Patrijiet Karmelitani f'Santa Venera, raw li din l-istatwa, għalkemm kienet artistika u sabiħa, kienet żgħira wisq biex biha tkun tista' ssir purċissjoni. Huma bdew jaħsbu biex isibu xi mezz li bih ikollhom statwa għall-purċissjoni li kellhom jibdew jagħmlu fil-festa. M'għaddiex żmien wisq li nqala' benefattur li ried jidħol biex iħallas l-ispejjeż ta' dan ix-xogħol. Kien ġara li f'dak iż-żmien preċiż, Tumas Dalli (1888-1978), magħruf bħala *Majsi*, li kien joqgħod fil-pjazza tal-knisja u li aktar tard baqa' magħruf bħala l-benefattur tal-vara ta' Santa Venera, kien rikoverat fl-isptar navali ta' Bighi ġewwa l-Kalkara, minħabba li kien ma jiflaħx. Tumas Dalli wiegħed li malli jfiq u joħroġ mill-isptar, l-ewwel paga li jaqbad iwarrabha biex jagħti bidu għall-vara ġdida ta' Santa Venera V.M. Is-Sur Mario Coleiro, fir-riċerka tiegħu dwar il-vara ta' Santa Venera V.M., jgħid



***Is-Sur Tumas Dalli***

li meta tiġi biex titkellem fuq l-istatwarju li ħadem il-vara tiltaqa' ma' naqra ta' dilemma. Dawn id-dubji nqalgħu meta tqis li Tumas Dalli kien isostni li din inħadmet għand Karlu Darmanin. Dan Karlu Darmanin, li kien statwarju magħruf ħafna fi żmienu, kellu dar bil-maħżen fejn kien jaħdem f'numru 488 fi Triq il-Kbira San Ġużepp, f'Santa Venera. F'dan il-post Darmanin ħadem bosta vari li tawh fama fil-qasam ta' l-arti Sagra, fosthom fl-1894 meta ħadem il-vara ta' San Ġuzepp li tinsab fil-knisja antika u Matriċi tagħna. Darmanin kellu xi allievi jaħdmu miegħu u fost dawn insibu lil Ġużeppi Cilia li kif diġà għedna ħadem l-ewwel statwa ta' Santa Venera. Alliev ieħor kien Karmenu Mallia mlaqqam *Il-Lhudi* minn Ħal Qormi. Karlu Darmanin miet armel fl-għomor ta' ħamsa u tmenin sena fid-dar tiegħu f'Santa Venera nhar il-25 ta' Novembru 1909, jiġifieri għaxar snin qabel waslet il-vara ta' Santa Venera għand *Majsi* li wara, dan irregalaha lill-knisja li kienet għadha kemm saret parroċċa. Dan jixhet dubji kbar kemm tassew din il-vara nħadmet minn Darmanin. Bla dubju ta' xejn l-aktar alliev li spikka minn taħt idejn Darmanin kien Karmenu Mallia. Mallia kien xtara ħafna forom tal-korpi u l-uċuħ mingħand Darmanin. Is-Sur Mario Coleiro jkompli jgħid li s-Sur Kelinu Delicata, li jaħbat ir-raġel ta' Delina Delicata, bint *Majsi*, isostni li l-vara ta' Santa Venera nħadmet minn Karmenu Mallia ġo Ħal Qormi. Dan ikompli jikkonfermah il-mibki Patri Patrick Abela O. Carm. li saħansitra sab kemm kienet swiet il-vara lil Tumas Dalli. Ukoll, meta Coleiro tkellem ma' l-istatwarju Lorenzo Gauci minn Ħal Tarxien, dan kompla kkonferma din ir-riċerka li l-fatt li l-vara tixbaħ ħafna lill-vara ta' Darmanin, jispjega ruħu waħdu, meta tqis li Mallia kien alliev ta' Darmanin u xtara ħafna forom mingħandu. Ix-xogħol ta' Darmanin u dak ta' Mallia jixxiebħu ħafna, b'eċċezzjoni għall-fatt kif Darmanin kien jgħaqqad il-kartapesta ma' xulxin. Is-sistema tiegħu kienet bil-ġibs u l-kolla, filwaqt li Mallia kien juża x-xoqqa bil-kolla u l-vara tagħna hi maħduma b'dan il-mod. Ma nistgħux neskludu l-fatt li Mallia uża waħda mill-forom tal-wiċċ, li xtara mingħand Darmanin biex ħadem il-vara ta' Santa Venera.



*Karmenu Mallia jidher quddiem il-vara ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel ta' Ħal Qormi.*

Il-vara ta' Santa Venera tirrappreżenta figura ta' tfajla inklinata daqsxejn

'il quddiem, misluta u mlibbsa sabiħa. Dirgħajha tal-lemin merfugħ 'il fuq u b'subgħajha l-werrej ippuntat 'il fuq, tippriedka lil Alla wieħed. Xagħarha mgħotti b'mant abjad li jibqa' nieżel wara daharha, għelm ta' umiltà u safa. F'idha x-xellugija, qed iżżomm il-kurċifiss, l-għelm tan-nisrani u twemminu u palma, għelm tal-Martirju. Fuq rasha l-kuruna tar-rebħa tagħha u raġġiera, l-għelm tal-Qdusija. Mal-palma hemm tliet kuruni: l-għelm tal-Predikazzjoni, l-Appostolat u l-Martirju. Mallia kien jaħdem fil-ħanut tax-xogħol f'numru 178, Strada Rjali San Ġorġ, Ħal Qormi; huwa kien joqgħod numru 21, Triq San Ġużepp f'Ħal Qormi stess. Ix-xogħol għand Karmenu Mallia sewa s-somma ta' £36. Minn Ħal Qormi l-istatwa ttieħdet il-Belt għand Franġisku Coleiro biex jinduraha u meta tlestiet, l-ispiża kienet ta' £35.10s. Biex l-istatwa tkun lesta minn kollox kien jonqos li jsirulha l-kuruna u r-raġġiera, flimkien mal-palma u s-salib li għandha f'idha. Dawn inħadmu għand Manwel Borg minn Birkirkara u li għax-xogħol tiegħu talab is-somma ta' £17. B'kollox biex saret l-istatwa, swiet £115.10s.0d.

Waqt li kienet qiegħda tinħadem il-vara, il-patrijiet ħasbu biex malli tkun lesta jkollhom pedestall u bradella għaliha. Avviċinaw lill-Patrijiet Karmelitani tal-Belt u dawn tawhom bħala rigal il-pedestall u l-bradella li qabel kienu jservu għall-istatwa ta' l-Anġlu Kustodju ta' l-istess knisja. Meta l-istatwa kienet lesta minn kollox ittieħdet f'maħżen fi Triq Ħal Qormi, fejn wara li sar it-tberik minn Patri Ġwann Azzopardi O. Carm., Kappillan tal-parroċċa, għaddiet proċessjonalment għall-ewwel darba minn Triq Irjali, Triq Santa Venera għall-knisja parrokkjali. L-ewwel darba li saret purċissjoni b'din l-istatwa mill-knisja parrokkjali, kienet is-sena 1919 li ħabtet ukoll l-ewwel festa li saret ta' Santa Venera wara ftit xhur li kienet ilha parroċċa.



*L-ewwel purċissjoni - 1919.*



*P. Ġwanni Azzopardi*

L-imħabba li l-poplu ta' Santa Venera kellu lejn il-vara jixhdu l-fatt li minn żmien għall-ieħor dejjem ra kif iżejjinha. Fl-1956 inbidlu l-fjuretti u

sar sett li kien joqgħod aħjar fuq il-bradella. Patri Rafel Caruana O. Carm. ħa ħsieb li jiżbogħha fejn kien bidlilha l-kulur oriġinali li bih kien żebagħha Karmenu Mallia. Fl-1960 Johnny Galea minn Santa Venera kien żebagħ xi partijiet tal-vara li kienu l-mant u l-karnaġġjon. Fl-1976, mill-Ħamrun, inxtraw il-bradella u l-bankun li naraw illum. Wara sarulhom xi olterazzjonijiet mis-Sinjuri Kelinu Delicata u Michael Zerafa, saritilha l-iskultura ta' l-arma tal-Qaddisa li tqiegħdet fil-panew ta' quddiem. Il-bradella u l-bankun inxtraw għas-somma ta' mija u ħamsin lira Maltin (Lm150) filwaqt li l-iskultura li nħadmet mis-Sur Marcellino Grech mill-Marsa swiet ħamsin lira Maltin (Lm50).



6

B'infiq ieħor l-ispiża totali telgħet għas-somma ta' mitejn u tmienja u erbgħin lira Maltin u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm248.44). Il-bradella tbierket nhar l-24 ta' Lulju 1976 minn Patri Robert Farrugia O. Carm., dak iż-żmien Prokuratur tal-Festa. Fil-31 ta' Lulju, 1978 miet il-benefattur tal-vara *Majsi* Dalli, fl-għomor ta' 89 sena.[6] Huwa miet l-għada tal-festa ta' Santa Venera u kellu jidħol *presente cadavere* quddiem il-vara, li kienet għadha armata fil-knisja wara l-festa. Nhar is-6 ta' Marzu 1985, ingħata bidu għar-restawr totali tal-vara.


7

Dan ix-xogħol ingħata lir-restawratur Manuel Zammit[7] miż-Żejtun li kien ħa l-vara sabiex seta' jsir dan ir-restawr. Issewwew xi ħsarat li kellha u Zammit reġa' ta l-kuluri oriġinali li kellha ħamsa u sittin sena qabel meta ħadimha Karmenu Mallia. Fuq disinn ta' l-istess Zammit, ġew ordnati l-palma, il-kuruna u d-diadema li nħadmu fil-fidda ġoż-Żejtun. Meta l-vara nġiebet miż-Żejtun, tqiegħet ġo maħżen bl-isem *Redentur*, fi Triq l-Imsida.[8] Dan kien ġurnata qabel il-ħruġ minn niċċa tal-vara għall-


8

festa ta' l-1985 u l-għada ttieħdet proċessjonalment sal-knisja fost il-ferħ tal-Vendriżi.[9] Hekk kif għaddiet il-festa ta' dik is-sena, inbeda x-xogħol tar-restawr u l-induratura tal-pedestall, flimkien ma' l-erba' tazzi tal-fjuretti. Ma' dan ix-xogħol saru xi



tibdiliet u tiswijiet mis-Sur Michael Zerafa illum President tal-Kumitat Festi Esterni. Ix-xogħol ta' l-induratura tħalla f'idejn is-Sur Publius Magro mill-Floriana u b'kollox, biex il-pedestall kien lest mill-induratura, sewa s-somma ta' elf, ħames mija u sittin lira Maltija (Lm1560). Dan iżżanżan għall-festa tas-sena ta' wara, 1986. Imbagħad, fil-festa ta' sena wara, saru ġodda sett ta' erba' fjuretti u girlanda li nħadmu fil-ganutell mis-Sinjura Grace Sciberras. L-ispiża ta' dan ix-xogħol swiet ħames mitt lira Maltin (Lm500). Fil-festi kbar li saru f'għeluq il-75 sena tal-parroċċa tagħna, il-Kumitat Festi Esterni Santa Venera, flimkien ma' xi benefatturi, ħaseb biex jiġu indurati l-ornamenti tal-vara li kienu għadhom tal-fidda. Għalhekk il-kuruna, il-palma, id-diadema u s-salib tal-vara ttiehdu għand is-Sur Johnny Attard ta' Santa Venera sabiex



jiġu indurati bid-deheb li min-naħa tiegħu ma żammx flus. Rigal ieħor sabiħ li ngħata lill-vara kien sett ta' erba' forċini tal-fidda,[10] li tbierku fil-festa ta' l-1993 u li ġentilment ingħataw mis-Sur Joe Cilia, ex-President tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera. Fl-1994 iżżanżan bankun ġdid, għall-istess forċini, li nħadem mis-Sur George Debono minn Ħal Qormi u ġie skulturat mis-Sur Edmond Sciberras, ex-Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni. Għal darb'oħra l-benefatturi kienu s-Sur Joe Cilia u l-mara tiegħu s-Sinjura Josephine Cilia.

## Il-Knisja l-Antika Ssir Matriċi



Tul il-medda tas-snin, il-popolazzjoni baqgħet kulma tmur tikber u tinfirex u aktar m'għadda ż-żmien, il-Provinċja Karmelitana aktar ħasset il-bżonn li tespandi l-ħidma pastorali tagħha. Dan sabiex taqdi aktar u aħjar lill-poplu Vendriż fil-ħtiġijiet spiritwali f'partijiet fejn il-knisja kienet saret 'il bogħod wisq għalihom.

L-ewwel proġett li l-Patrijiet Karmelitani ħadu ħsieb li jwettqu biex tant jagħrfu l-bżonn tal-parruċċani kien proprju l-bini tal-knisja ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu fil-Fleur-de-Lys.[11] Nhar l-14 ta' Jannar, 1945 bierek l-ewwel ġebla l-Wisq Reverendu Patri Pietru Dimech O. Carm., Ph.D., Provinċjal. Fil-31 ta' Diċembru ta' sena wara din il-knisja ġiet imbeirka u miftuħa għall-pubbliku mill-Wisq Reverendu Patri Ġorġ Borg O. Carm., S.Th.L., Provinċjal u bħala Pirjol tal-knisja nħatar l-ex-kappillan ta' Santa Venera r-Reverendu Patri Alphonse Zammit O. Carm., sakemm nhar il-25 ta' Jannar 1974, Fleur-de-Lys saret parroċċa għaliha. Billi dan ma kienx biżżejjed, il-Patrijiet Karmelitani dejjem ħarsu 'l quddiem.

## L-Użu Temporanju tax-Chateau Lonz

Minħabba l-firxa kbira tar-raħal xorta l-patrijiet bdew isibuha bi tqila biex ilaħħqu mal-parruċċani li kienu joqogħdu n-naħa ta' Triq il-Kbira San Ġużepp. Mill-atti tan-Nutar Giorgio Borg Olivier, nhar is-6 ta' Ġunju, l-1942, l-aħwa Beatrice u Eleonora Apap, f'testment pubbliku ta' kull waħda minnhom, ħallew b'legat lill-Patrijiet Karmelitani ta' Santa Venera l-parti li tmiss lil kull waħda minnhom, kompresa l-parti



***Ċerimonja ta' tieġ li ġie ċċelebrat fil-kappella tax-Chateau Lonz.***

li wirtu minn ta' oħthom is-Sinjorina Caterina Apap, li mietet qabilhom u li tagħha kien l-*eredi testate*, dar bin-numru 388 u razzett magħha bin-numru 387 fi Triq il-Kbira San Ġużepp, f'Santa Venera, kantuniera ma' sqaq li għandha żewġ bibien bla numru, magħrufa bl-isem ta' *Chateau Lonz*, bl-għalqa magħha msejħa *Ta' Lonz* ta' xi tomna u tliet sigħan. Bħala kundizzjoni għamlu fil-post issir knisja jew li jintuża għal xi opra pija u li titqaddes quddiesa fix-xahar għal ruħhom għal dejjem.

Permezz ta' dan l-akkwist u fil-bżonn urġenti biex jitlaħħqu n-neċessitajiet spiritwali tal-parroċċa, f'laqgħa tal-Komunità, il-Patrijiet Karmelitani fl-20 ta' Ottubru, 1947 iddeċidew li jibdew jużaw, bħala knisja temporanja, maħżen kbir minn parti tax-*Chateau Lonz*, illum iċ-Ċentru Parrokkjali, li għal xi żmien kien rekwiżizzjonat mir-*Royal Air Force* u f'dak iż-żmien kien reġa' ngħata lura lill-Komunità. Ix-xogħol kien f'idejn is-Sur Ġużè D'Amato u fil-fatt il-kappella, iddedikata lil Santa Venera, infetħet is-sena ta' wara mir-Reverendu Patri Ġwann Zahra O. Carm., Pirjol u mir-Reverendu Patri Wistin Caruana O. Carm., Kappillan. Saħansitra bħala titular fuq l-artal kienet saret bħal niċċa u fiha tpoġġiet l-ewwel statwa ta' Santa Venera V.M. li llum tinsab fil-kripta tal-knisja parrokkjali l-ġdida. Iżda dan ukoll ma kienx biżżejjed, il-popolazzjoni fuq din ix-xaqliba kompliet tiżdied ġmielha.

## *Ta' l-Iebes*

Il-ħsieb tal-bini ta' knisja parrokkjali ġdida kien ilu f'moħħ il-Patrijiet Karmelitani sa mill-bidu tal-wasla tagħhom f'Santa Venera. Kienu ħafna l-postijiet li ġew issuġġeriti fejn kellha tinbena din il-knisja. Fl-aħħar il-Patrijiet iddeċidew li tinbena fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Dan il-post tista' tgħid li tfaċċa providenzjalment. Dan ġara billi l-patrijiet wirtu mingħand l-aħwa Apap ix-*Chateau Lonz* li diġà semmejt 'il fuq. Xi żmien wara l-patrijiet komplew żiedu biċċa art oħra li tiġi wara x-*Chateau Lonz*. Kien proprju fl-20 ta' Ottubru 1952, li s-Sinjura Maria Josephine Bugeja minn Tas-Sliema, armla tas-Sur John Bugeja, tat b'titlu ta' donazzjoni lill-patrijiet ta' Santa Venera l-art ta' Zammit Gardens, art agrikola li fiha l-aħwa Zammit kienu jkabbru l-fjuri. Mill-atti tan-Nutar J. Micallef Trigona, għall-patrijiet iffirma l-kuntratt il-Wisq Reverendu Patri Bernard Farrugia O. Carm., Ph.D., Provinċjal.

Ġara wkoll li l-familja Zammit kienet xtrat art oħra mingħand l-aħwa Apap imsejħa *Ta' l-Iebes* quddiem il-villa ta' l-aħwa Johnny, Irene, Eleonora u Beatrice Apap, illum l-Istitut Apap, biex din tkun tista' tiġi kulturabbli għall-fjuri u hekk il-familja Zammit ġiet marbuta li ma tistax ittella' bini biex faċċata tal-villa tibqa' titgawda l-veduta sabiħa li kien hemm dak iż-żmien. Is-Sur

Johnny Apap negozjant għani Malti, kien jgħix fil-villa ma' ħutu l-oħra.

Matul iż-żmien, Johnny u oħtu Irene ħassew il-ħtieġa li jġibu magħhom xi Sorijiet Dumnikani biex jgħinuhom iżommu jgħixu magħhom fil-villa xi xebbiet foqra, kif ukoll biex jieħdu ħsieb ħuthom l-oħra. Fl-1938, l-aħwa Johnny u Irene mietu, filwaqt li nhar is-6 ta' Awissu 1943, iż-żmien tal-gwerra, mietu ħuthom l-oħra, Eleonora u Beatric mirduma taħt il-ġebel imwaqqa' tad-dar tagħhom meta bomba ta' l-għadu ġiet fuq il-villa fejn kienu joqogħdu u qerditha kważi għal kollox. Qabel ma mietu huma għamlu testment li wara li jmutu l-aħwa kollha, ġidhom jaqa' f'idejn is-Sorijiet Dumnikani u hekk sar. Meta s-sorijiet sabu dak il-ġid kollu li ħallew l-aħwa Apap, is-sorijiet ġiehom il-ħsieb li jibnu istitut sabiħ għall-anzjani, flok il-villa meqruda għal kollox, u sptar tal-maternità f'Ħ'Attard li maż-żmien sar jissejjaħ l-Isptar ta' Santa Katarina ta' Ħ'Attard. Fil-fatt l-Istitut Apap kien infetaħ uffiċjalment nhar is-17 ta' Ġunju 1954.

Bl-akkwist ta' din l-art u bl-iżvilippi kif ġraw, wieħed mill-Patrijiet Karmelitani, x'aktarx ir-Rev. Kappillan ta' dak iż-żmien, Patri Wistin Caruana O. Carm. ġieh il-ħsieb li jintlaħaq ftehim bejn il-Patrijiet Karmelitani, l-aħwa Zammit u s-Sorijiet Dumnikani biex l-art li l-patrijiet wirtu mingħand is-Sinjura Alice Bugeja jbiddluha ma' l-art li kienu xtraw l-aħwa Zammit mingħand l-aħwa Apap. Dan ġara minħabba li l-art li semmejna wara tax-*Chateau Lonz* ma kinitx tajba biex tinbena l-knisja, iżda tajba għat-tkabbir tal-fjuri; filwaqt li l-art ta' quddiem l-Istitut ta' Apap ma kinitx tajba għat-tkabbir tal-fjuri. Kien jonqos biss il-kunsens tas-Sorijiet Dumnikani biex tinbena l-knisja.

M'għaddiex ħafna żmien u l-ftehim intlaħaq u kull ma kien jonqos hu li jersqu għall-iffirmar tal-kuntratti tal-permuta.

Fl-4 ta' Jannar 1956, quddiem in-Nutar Dr. Carmelo Vella, permezz ta' kuntratt bejn il-Patrijiet Karmelitani ta' Santa Venera, l-aħwa Antonio, Emmanuel u Nazzarenu Zammit u s-Sorijiet Dumnikani ta' Apap Institute, l-art ta' wara x-*Chateau Lonz* inbidlet ma' biċċa art msejħa *Ta' l-Iebes*, fil-limiti ta' Santa Venera tal-kejl superfiċjali ta' sebat itmiem, siegħ u sitt kejliet biex fuqha tkun tista' tinbena l-knisja parrokkjali l-ġdida quddiem Apap Institute. Il-patrijiet assenjaw ruħhom li jikkonstitwixxu favur l-istess Madre Generali li taċċetta r-rendita perpetwa ta' ħamsa u erbgħin lira sterlina (£45) fis-sena talli dawn tawhom l-arja ta' quddiemhom u li jibdew jitħallsu mill-1 ta' Ottubru 1956. Għall-patrijiet iffirma l-Wisq Reverendu Patri Provinċjal Karm Vella O. Carm., S.Th.M. filwaqt li s-Sur Emanuel Zammit iffirma għall-aħwa Zammit. Dehru wkoll fuq il-kuntratt tal-permuta l-Madre Ġenerali tas-Sorijiet Dumnikani Sr. Imelda Mercieca O.P. u l-Avukat Dr. Maximiliano

Ganado fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-Sinjura Marie Josephine Bugeja. Il-kuntratt qam mitt lira Maltin u tħallsu ħamsin lira mill-Patrijiet Karmelitani, ħamsa u għoxrin lira mill-aħwa Zammit u ħamsa u għoxrin lira l-oħra mis-Sorijiet Dumnikani.

## Tinħatar l-Ewwel Kummissjoni

Il-ħidma kompliet u wara biss għoxrin ġurnata, il-Patrijiet Karmelitani ħatru l-ewwel kummissjoni għall-bini ta' knisja ġdida ġo Triq Irjali fuq l-art li l-Karmelitani kienu għadhom kemm partu ma' proprjetà tagħhom, bl-intenzjoni li 'l quddiem tkun tista' titwaqqaf ukoll it-tieni Komunità Karmelitana fil-parroċċa bil-kunvent tagħhom ikun proprju f'din il-kripta li kellha tinbena biex jinġieb id-diżlivell ma' Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-kummissjoni kienet magħmula minn dawn il-patrijiet:

| | |
|---|---|
| **President:** | Wisq Rev. Patri Karm Vella O. Carm., Provinċjal; |
| **Viċi-President:** | Rev. Patri Ġwann Zahra O. Carm., Pirjol; |
| **Prokuraturi:** | Rev. Patri Wistin Caruana O. Carm., Kappillan; |
| | Rev. Patri Nerik Zahra O. Carm.; |
| **Promoturi:** | Rev. Patri Marjan Farrugia O. Carm.; |
| | Rev. Patri Manwel Gatt O. Carm.; u |
| | Rev. Patri Ġustin Sant O. Carm. |

WIEHED MILL-EWWEL APPELLI LI SARU GHALL-BINI TAL-KNISJA L-ĠDIDA LI DEHER FIL-PROGRAMM TAL-FESTA TA' L-1959


Appell mill-Kappillan:-

IL-BINI TAL-KNISJA L-GDIDA
Iddedikata lil S. VENERA V.M.

12

Ta' min isemmi d-diversi appelli li kienu jsiru għall-bini tal-knisja l-ġdida.[12]

Fil-ktejjeb ta' tifkira tal-festa ta' Santa Venera Verġni u Martri li kien inħareġ fl-1959, il-Kappillan ta' dak iż-żmien, ir-Rev. Patri Wistin Caruana O. Carm. għamel appell għall-bini tal-knisja l-ġdida ddedikata lil Santa Venera V.M.: *Għeżież Parruċċani tiegħi.*

*Fis-26 ta' dan ix-xahar sejrin niċċelebraw il-festa solenni tal-Glorjuża Patruna tagħna Santa Venera. Tkun ħaġa tassew xierqa li f'dan il-jum nagħtuha xi rigal. Liema rigal nistgħu nagħtuha li jkun tassew għal qalbha? Bħalma intom tafu diġà tajna bidu għall-bini tal-knisja l-ġdida li se tiġi lilha ddedikata – knisja li għad tkun waħda mill-ikbar u mill-isbaħ ta' Malta u li tagħmel unur lill-parroċċa tagħna.*

*Biex naslu għall-bini bħal dan trid li jkollok il-flus, iżda flus il-patrijiet*

*għad m'għandhomx. Mela fejn huma l-flus? Il-flus iridu jiġu mingħand min għandu, mingħand min Alla tah, mingħand in-nies tal-parroċċa.*

*Huwa dover ta' kull wieħed li joqgħod fil-parroċċa li jgħin fil-bini tat-tempju li jixraq 'l Alla u 'l-Qaddisa tagħna.*

*Mela ndaħħlu idna fil-but u nagħmlu rigal lil Santa Venera fil-festa tagħha billi nagħtu bil-qalb kemm nistgħu għall-bini tal-knisja tagħna.*

*Niftakru li dak li nagħtu għal ġieħ ta' Alla u tal-Qaddisin tiegħu, Alla jroddulna mija fil-wieħed.*

Fil-programm tal-festi ta' Santa Venera ta' l-1964, insibu li bħala kappillan kien hawn ir-Rev. Patri Kiljan Azzopardi O. Carm. fejn il-messaġġ tiegħu fl-okkażjoni tal-festa fost kitbietu huwa qal hekk:

*"...għad m'għandniex l-aqwa ħaġa li tagħmilna parroċċa li tista' tikkompeti ma' parroċċi oħrajn, jiġifieri knisja li tixraq lill-Qaddisa tagħna, u li tkun komda biżżejjed għall-popolazzjoni tal-parroċċa li kull ma tmur dejjem tiżdied. Għalhekk irridu nieħdu din l-okkażjoni biex l-ewwelnett nirringrazzja lil dawk kollha li qegħdin jgħinu mill-aħjar li jistgħu, biex inkomplu l-bini tal-knisja u fl-istess ħin nitlob lil kulħadd speċjalment lil dawk li Alla l-Imbierek ipprovdielhom, li jagħtu l-għajnuna tagħhom ukoll. Tinsewx, li jekk ma naħsbux aħna għall-parroċċa tagħna u nagħmlu kull ma nistgħu biex inġibuha 'l quddiem, ħadd mhu se jaħseb fiha. U barra li jħallaskom Alla ta' kull ma tkunu għamiltu, iberkukom u jirringrazzjawkom uliedkom għax jiftakru f'dak li tkunu għamiltu biex ma jkollhomx għax jistħu li huma inqas minn ħaddieħor."*

Għall-istess għan, għall-ġbir finanzjarju, kienu jiġu stampati mijiet ta' appelli għand *Ebejer Press* ta' Triq l-Imsida, dar żgħira iżda li kienet tagħmel ħafna xogħol marbut ma' l-attivitajiet tal-parroċċa. L-appelli kienu ta' lwien differenti u kien fihom tletin kaxxa. Min jagħti sold kien jimla kaxxa u b'hekk minn kull appell kienu jiġbru tletin sold jew tmintax irbiegħi, kif kienu magħrufa dak iż-żmien.

Anke n-nies, sa minn kmieni nistgħu ngħidu li ma naqsux dawk il-persuni li interessaw ruħhom fil-bini tal-knisja l-ġdida. Is-Sur Paċifiku Galea ħalla fit-testment tiegħu, magħmul għand in-Nutar Carmelo Vella, post biex jinbiegħ u mid-dħul tal-bejgħ tiegħu jsir l-artal maġġur tal-knisja l-ġdida. Dan il-post kien stmat li jqum seba' mitt lira Maltin. F'każ kuntrarju, is-somma setgħet tiġi depożitata f'bank u l-interessi jsiru quddies.

Interessanti huwa testment li sar proprju fis-Sala *Miriam Hall* nhar is-6 ta' Lulju, 1977 quddiem in-Nutar Dottor Joseph Agius fejn Maria Vella, xebba, bint il-mejtin Carmelo u Carmela née Psaila mwielda Santa Venera,

mgħammda Birkirkara u li kienet toqgħod Santa Venera fi Strada San Giorgio, filwaqt li kienet qiegħda tħalli bħala eredi universali lil oħtha Antonia, f'każ ta' premorienza ta' oħtha Antonia, il-ġid kollu tagħha, inkluż il-bejgħ tal-fond bin-numru 82 fl-istess triq imsemmija, jgħaddi għand l-eredi infraskritti, jiġifieri f'idejn il-komunità tal-knisja l-ġdida biex bihom tinbena l-istess knisja fi Triq Irjali San Giuseppe, Santa Venera. It-testatriċi obbligat lill-imsemmija komunità eredi biex tieħu ħsieb li jittrasportaw il-kadavru tagħha fl-imsemmija knisja u jsirilha quddiesa *presente cadavere* u wara l-istess komunità trid tieħu ħsieb tat-testatriċi.

Bi skop ta' *fund raising*, jingħad li l-Patrijiet Karmelitani, biex jgħinu fil-proġett tal-bini tal-knisja, kienu ġabu Malta lill-kantanti magħrufa ta' dawk iż-żminijiet Renato Rascel u lil Tony Dallara u taw wirjiet eċċellenti u numerużi fir-*Radio City*, il-Ħamrun. Fir-*Radio City* kien sar ukoll *festival* tal-kanzunetti għall-istess skop. Dan kien sar għall-ħabta tas-sena 1959 u kien suċċess kbir. Kien wieħed mill-ewlenin *festivals* li sar f'Malta u fih ħadu sehem kantanti Maltin li wara għamlu isem fit-talent lokali. Minn hemm kienet ħarġet l-idea li jsir *open air theatre* magħqud max-*Chateau Lonz*. Kien proġett li mexa ġmielu, iżda li ma tkompliex; mentri hemm min jgħid li fih kienu saru diversi attivitajiet bħall-*festival* li għadni kemm semmejt, fieri, *bazaars* u kull xorta ta' ġbir ieħor. Ukoll ta' min isemmi ċ-ċinema li kien jintwera ta' kull nhar ta' Ħadd ġewwa l-*Carmelite Hall* fix-*Chateau Lonz*.

Sejħa oħra li saret lill-poplu biex jgħin għall-fondi kienet tgħid hekk:

*X'tista' toffri?*
*8 liri għall-ġimgħa paga ta' ħaddiem;*
*3 liri u 15-il xelin għal qantar ħadid;*
*3 liri u 10 xelini għal trakk ġebel;*
*1 lira u 5 xelini għall-ġurnata paga ta' ħaddiem;*
*10 xelini xkora 'cement' jew*
*3 xelini għall-ġebla waħda.*



## Jinbeda x-Xogħol ta' l-Ewwel Fażi tal-Proġett

Wara li akkwistaw l-imsemmija art, il-patrijiet minnufih qabbdu lis-Sur Ġużè D'Amato biex jagħmlilhom pjanta oħra tal-knisja. Biex imexxu x-

xogħol kienu mqabbda l-Perit A. Micallef, u wara l-mewt tiegħu daħal il-Prof. Ġużeppi R. Colombo B.Sc., B.E. & A., A. & C.E., F.R.S.A., F.I.A.L. L-istil tal-knisja kellu jkun fuq stil romaniku u b'ħames artali. Kien id-19 ta' April 1956 meta ngħata bidu għax-xogħol. Tneħħiet il-ħamrija u sar ħafna qtugħ tal-blat biex setgħet tiġi invellata l-art fejn kellha tinbena l-knisja l-ġdida jew l-ewwel fażi tal-proġett. Dan ix-xogħol dam sejjer mhux ħażin peress li l-blat kien imtarraġ għal fuq in-naħa ta' Triq il-Kbira San Ġużepp li b'kollox tqatta' madwar tliet sulari blat.[13]




Fid-19 ta' Jannar 1961, il-Pirjol Patri Ġwann Zahra, fuq il-parir tas-Sur Ġużè D'Amato, ippropona lill-komunità li jsir il-kuntratt mal-kuntrattur is-Sur Emanuele Abela tar-Rabat għax-xogħol tal-ġebel. L-ewwel pedamenti li tqiegħdu kienu fuq in-naħa ta' isfel, in-naħa ta' fejn illum insibu Triq il-Parroċċa. Wara tkompla x-xogħol tal-pilastri tal-konkrit, fejn 'il quddiem kellhom jitilgħu l-kolonni tal-knisja. Madwar sentejn wara, il-bini kien laħaq sal-gallerija, ingħata l-konkrit u bil-mod il-mod kompliet tinbena t-tieni parti. Hawn il-bini beda jidher ġmielu tant li minn ħofra enormi l-bini beda tiela' lejn Triq il-Kbira San Ġużepp, jiġifieri fejn illum hemm il-*Miriam Hall*. Fil-kantuniera ta' Triq il-Kbira San Ġużepp ma' Triq il-Parroċċa kien hemm xelter li kien inbena fl-Aħħar Gwerra Dinjija. Dan kien jaqsam għan-naħa l-oħra ta' Triq il-Kbira San Ġużepp. Biex seta' jitkompla l-bini, dan ix-xelter kellu jitneħħa.

Fl-aħħar wasal il-mument li l-kripta tal-knisja tiġi msaqqfa. Dan ix-xogħol kien ta' uġigħ ta' ras għall-Perit, għad-*Draughtsman* Patri Nerik Zahra O. Carm u għall-oħrajn minħabba l-kobor ta' konkrit u ħadid li kellu jintuża. Ix-xogħol sar bir-*ready mix* li kien għadu fil-bidu tiegħu u dam sejjer jumejn, lejl u nhar. Biex ix-xogħol tkompla matul il-lejl kellhom jitwaħħlu diversi rifletturi biex il-ħaddiema setgħu jaħdmu u b'hekk ix-xogħol ta' kostruzzjoni kien lest fis-sena 1967. Fil-fatt nhar is-26 ta' Ġunju 1967, il-Pirjol Patri Marjan Farrugia O. Carm., kien għarraf lill-komunità li x-xogħol tas-saqaf u l-gallarija kien lest.[14] Għal ftit ix-xogħol



waqaf minħabba l-finanzi, iżda kif laħaq il-mibki ħabrieki Kappillan ir-Reverendu Patri Franġisk Grech O. Carm. ta spinta, tkompla t-tqegħid tal-madum, sar id-dawl, saru t-twieqi, it-tibjid u kull ma kien neċessarju biex il-kripta tkun tista' tintuża bħala knisja temporanja sakemm tinbena l-knisja proprja. Ix-xogħol tal-madum sar mis-Sur Paul Micallef bil-prezz ta' tmintax-il xelin-il metru, filwaqt li x-xogħol ta' l-elettriku u ta' l-ilma sar mis-Sur Mikiel Farrugia. It-tikħil u s-sistema tad-drenaġġ sar kollu mis-Sur Salvatore Bugeja għall-prezz ta' ħames mija u erba' u tletin lira Maltin.

## L-Okkażjoni tat-Tberik ta' Wirja u l-Ftuħ tal-Miriam Hall



Ix-xogħol fuq dan il-proġett mexa sewwa tant li l-Ħadd 21 ta' Lulju 1968,[15] fil-11.00am, sar il-ftuħ uffiċjali tal-*Miriam Hall* mill-Onor. Dr. Pawlu Borg Oliver, Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura u Turiżmu, fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet ta' għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Ir-Rev. Pirjol Patri Marjan Farrugia O. Carm. bierek is-sala u bierek ukoll wirja li ttellgħet fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tal-parroċċa. Dakinhar ukoll fis-6.00pm, b'mod proċessjonali, il-Komunità Karmelitana telqet mill-knisja parrokkjali għall-knisja ta' San Ġużepp fi Triq il-Kbira fejn assistiet il-wasla ta' l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof Michael Gonzi biex wara, fis-6.30pm bdiet Translazzjoni Pontifikali tar-Relikwija ta' Santa Venera V.M. lura għall-knisja parrokkjali, fejn imbagħad saret quddiesa letta bi Tqarbina Ġenerali mill-Wisq Reverendu Patri Franġisk Grech O. Carm., Kappillan.

Mezz tajjeb biex inġabru ħafna finanzi kien proprju din is-Sala *Miriam Hall* li apparti l-ġbir li kienu jieħdu ħsieb li jsir mit-toroq, kien hemm diversi benefatturi li għal aktar minn ħmistax-il sena sħaħ kienu bla ebda interess, il-Ġimgħat, is-Sibtijiet u l-Ħdud jissagrifikaw lilhom infushom biex ġabru kapital kbir biex seta' jibda l-bini tal-knisja proprja. Dawn kienu jieħdu ħsieb li jaħslu s-sala u jlestuha għall-kirjiet ta' tiġijiet, *engagements*, magħmudijiet u *forums*. Dawn il-benefatturi kienu Carmena Buttigieg, l-aħwa Ġuża u Vendra Farrugia, illum it-tlieta qegħdin igawdu l-Mulej, Marija Scerri, M'Assunta Cefai u oħtha Mary Dolores, Josette Azzopardi, Mary Debono, illum miżżewġa

Mifsud, oħtha Vivi Debono llum miżżewġa Calleja, Marija Spiteri li llum miżżewġa Borg u li toqgħod l-Awstralja, Tessie Spiteri, Georgina Cachia u Catherine Peregin illum miżżewġa Sultana. L-istess kienu jorganizzaw *coffee mornings* u tombli taħt it-tmexxija ta' Patri Robert Farrugia O. Carm., Patrun *Ad Vitam* tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M. Tajjeb jingħad li l-Kumitat tal-Banda Santa Venera kien jagħti l-permess li kellu l-każin biex setgħu jsiru dawn l-imsemmija tombli għal żmien twil. Saħansitra l-membri stess tal-kumitat kienu ta' għajnuna kbira fl-organizzazzjoni tat-tombla fil-*Miriam Hall*.

Mill-bidu tas-snin tmenin sa nofs id-disgħinijiet, is-sala bdiet tintuża wkoll biex fiha jsiru attivitajiet kbar, b'attendenzi ta' mijiet ta' nies, b'riżq il-bini tal-knisja l-ġdida li kienu jiġu organizzati mill-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M. fejn sa mill-bidu tat-twaqqif tiegħu, fl-1971, il-Kumitat tal-Festa kien minn ta' quddiem nett fl-għajnuna li ngħatat lill-prokuratur tal-knisja fil-ġbir għall-istess għan.

Bħalissa, il-*Miriam Hall* qiegħda tiġi amministrata mill-Pirjol tal-knisja parrokkjali Patri Raymond Calleja O. Carm. li flimkien ma' ommu Josephine jieħdu ħsieb li jorganizzaw *bazaars* u tombli f'din l-istess sala.

## L-Użu tal-Kripta

Fil-laqgħa tal-komunità li saret nhar il-21 ta' Frar 1969, din iddeċidiet li l-kripta tinfetaħ formalment għall-użu tal-fidili fid-19 ta' Marzu 1969, festa ta' San Ġużepp. Sadanittant il-Perit Ġ. D'Amato kien miet u l-komunità ħatret lill-Perit L.A. Naudi B.E. & A. ta' l-Imsida li ta l-għajnuna tiegħu biex saru x-xogħlijiet neċessarji fil-kripta bħall-artal. Fil-fatt dakinhar, skond kif ġie deċiż, sar il-ftuħ u t-tberik solenni tal-kripta tal-knisja l-ġdida ta' Santa Venera V.M. li bdiet tintuża bħala knisja biex taqdi sewwa l-ħtiġijiet tal-poplu li kien tant kiber. Saru festi speċjali dakinhar. Il-programm kien hekk:[16]



PROGRAMM
tal-FTUH SOLENNI
tal-
**Knisja l-Gdida**
***ta' Santa Venera***
19 TA' MARZU 1969

5.00 p.m. Tberik Solenni mill-W.R.P. Provincjal Gustin Sant. O.Carm., J.C.B. u wara jqaddes
*L-EWWEL QUDDIESA*
*fil-Knisja l-Gdida.*

6.30 p.m. Trasport Solenni tas-SS.mu Sagrament mill-Kappella tax-Chateau Lonz. Imexxi l-Purcissjoni
*l-E. T. Rev.ma Mons. Mikiel Gonzi*
*D.D., B.Lit., B.L. Can., J.C.D. :Greg.:, LL.D. :Hons Causa:, K.B.E., Bali O.S.J.*
*Arcisqof Metropolita ta' Malta.*

Kant ta' TE DEUM. BARKA SAGRAMENTALI.

Il-Banda ta' Santa Venera taghmel Marc u wara ddoqq Programm fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja l-Gdida.

*Il-Pirjol u l-Kommunita'*

16

*Ftuħ Solenni tal-Kripta tal-knisja l-ġdida ddedikata lil Santa Venera V.M. nhar id-19 ta' Marzu 1969 fil-5.00pm u Tberik Solenni mill-Wisq Rev. Patri Ġustin Sant O. Carm.,*

*J.C.B., Provinċjal u wara quddiesa fil-Kripta fis-6.30pm, trasport solenni tas-Santissmu Sagrament mill-kappella tax-'Chateau Lonz'. Imexxi l-purċissjoni l-Eċċellenza Tiegħu Revmu. Monsinjur Mikiel Gonzi D.D., B. Lit. Can., J.C.D. (Greg.), LL.D. (Hons. Causa), K.B.E., Bali O.S.J., Arċisqof Metropolitan ta' Malta, kant tat-'Te Deum' u Barka Sagramentali.*

Għall-festi ta' barra kienet ħadet sehem il-Banda Santa Venera. L-ewwel għamlet marċ u wara programm fil-pjazza ta' quddiem il-kripta tal-knisja l-ġdida. Il-Pirjol kien ir-Rev. Patri Marjan Farrugia O. Carm., filwaqt li bħala Kappillan kien ir-Rev. Patri Franġisk Grech O. Carm.

Fil-laqgħa tal-komunità tas-27 ta' Ottubru 1970, il-Pirjol il-ġdid Patri Robert Farrugia O. Carm. għarraf lill-patrijiet li kien hemm benefattur li offra li jħallas id-dejn ta' elfejn lira Maltin li l-komunità kellha mal-bennej Abela, imbagħad dawn il-flus jitħallsu bl-erba' fil-mija minflok bis-sitta fil-mija. Fil-fatt nhar il-21 ta' Frar 1972, il-prokuratur tal-knisja l-ġdida għarraf lill-komunità li bl-elfejn lira li kienu ssellfu, kien tħallas id-dejn kollu. Qal ukoll li min silef dawn il-flus ma riedx l-imgħax tagħhom, iżda talab li jsir xahar quddies Gregorjan lil xi waħda jew wieħed mill-mejtin tiegħu, kif fil-fatt sar. Il-prokuratur kellu f'idejh tliet mitt lira Maltin u ġie deċiż mill-komunità li dawn jitqiegħdu fil-*Barclays Bank* biex flimkien mal-ġbir li kellu jsir matul is-sena, jiġi rranġat is-saqaf tal-kripta jew aħjar l-art tal-knisja l-ġdida proprja. Sar xogħol fuq il-kontrabejt biex jiġi salvat il-bejt minn kull periklu li x-xita tista' tikkawża u nistgħu ngħidu li dan kien il-post fejn għal snin sħaħ kien jintuża bħala mezz biex isir ġbir għall-fond tal-bini tal-knisja.

## L-Ewwel Komunità Karmelitana fil-Kripta

Wara li l-kripta bdiet tintuża għall-bżonnijiet spiritwali tan-nies ta' dawk l-inħawi, iktar beda jinħass il-bżonn li fil-post ikun hemm xi reliġjużi li jieħdu ħsieb il-post u biex ukoll ikunu jistgħu pastoralment jaqdu aħjar lin-nies tal-madwar.

Nhar is-26 ta' Mejju 1973, il-Pirjol tal-Knisja ta' Santa Venera Patri Renato Valente O. Carm. laqqa' l-komunità biex tiddiskuti l-proposti dwar jekk fil-parroċċa għandhiex tibqa' komunità waħda jew tiġi b'żewġ komunitajiet. Wara li saret id-diskussjoni l-maġġoranza l-kbira tal-komunità vvutaw favur il-proposta li, għalkemm xi reliġjużi kellhom imorru joqogħdu fil-kmamar li hemm fil-kripta, dawn jibqgħu jiddependu mill-pirjol bħala superjur tagħhom. Fit-3 ta' Marzu 1975, waqt il-Viżta Kanonika mill-Privinċjal Patri Ġustin Sant O. Carm., wara votazzjoni konsultattiva, il-magħżula biex imorru jgħixu

fil-kripta kienu: Patri Marjan Farrugia, Patri Robert Farrugia O. Carm., Patri Guido Micallef O. Carm. u Bro. Lino Scalpello O. Carm.

Waqt il-Kapitlu Provinċjali, fis-17 ta' Mejju 1979, ġiet studjata l-possibbiltà li titwaqqaf dar reliġjuża ġewwa l-kripta ta' Santa Venera. B'votazzjoni sigrieta, il-Kapitlu wera l-fehma li din il-proposta tittieħed bħala rakkomandazzjoni. Għaldaqstant, il-Provinċjal Patri Manwel Gatt nhar it-13 ta' Ġunju, 1980 talab lill-Arċisqof Monsinjur Ġużeppi Mercieca biex jagħti l-permess tiegħu biex id-dar magħquda mal-kripta tiġi kanonikament imwaqqfa. Dan għax skond il-Kunsill Provinċjali, ikun jaqbel għall-ġid spiritwali ta' l-istess reliġjużi kif ukoll għall-imħabba fraterna lejn il-poplu ta' Alla li d-dar imsemmija tiġi kanonikament eretta, indipendenti mill-kunvent ta' Santa Venera.

L-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, fis-27 ta' Ġunju 1980 permezz ta' ittra li bagħat lill-Provinċjal Patri Manwel Gatt O. Carm., ta l-permess tiegħu biex skond il-kanone 497 li d-dar f'Saddlers Street (illum Triq il-Parroċċa) Santa Venera annessa mal-knisja magħrufa bħala l-Knisja l-Ġdida ta' Santa Venera, titwaqqaf kanonikament bħala dar reliġjuża tal-Provinċja Karmelitana, indipendenti mill-kunvent ta' Santa Venera (ta' ġewwa).

Fid-29 ta' Lulju 1980 il-Kunsill Provinċjali, permezz tal-Provinċjal Patri Manwel Gatt O. Carm., kiteb lill-Kunsill Ġenerali ta' l-Ordni mmexxi mill-Ġeneral Patri Falco J. Thuis, fejn talab li d-dar magħquda mal-knisja l-ġdida ta' Santa Venera, f'Saddlers Street (illum Triq il-Parroċċa), titwaqqaf Kanonikament bħala dar reliġjuża indipendenti mill-kunvent ta' Santa Venera. Permezz tad-Digriet *Decretum De Erectione Domus in loco Santa Venera*, il-Kunsill Ġenerali laqa' t-talba magħmula mill-Kunsill Provinċjali u skond l-artiklu 206 tal-Kostituzzjoni ta' l-Ordni Karmelitan waqqaf id-dar imsemmija li qiegħda f'Santa Venera bħala *dar reliġjuża* bid-drittijiet kollha, privileġġi u grazzji spiritwali li jgawdu d-djar l-oħra ta' l-Ordni.

Wara li nkisbu dawn il-permessi meħtieġa, il-Provinċjal Patri Manwel Gatt O. Carm., wara konsultazzjoni mal-membri ta' din il-komunità ġdida u wara li ħa l-parir tal-Kunsill Provinċjali, ħatar lil Patri Guido Micallef O. Carm. bħala l-ewwel pirjol ta' din il-komunità. Il-membri l-oħra kienu Patri Robert Farrugia O. Carm., Patri Valeriano Mercieca O. Carm, Patri Louis Bajada O. Carm. u Fra Laurence Mercieca O. Carm. Permezz ta' dan, il-parroċċa ta' Santa Venera hija l-aktar parroċċa għall-qalb il-Karmelitani u bir-raġun għax barra li kienet l-ewwel parroċċa tagħhom, hija wkoll l-unika parroċċa b'żewġ komunitajiet u l-unika parroċċa li l-knisja l-antika tagħha għandha t-titlu ta' Matriċi għar-raġuni li minnha ħarġet il-parroċċa ta' Fleur-de-Lys.

Tul is-snin ix-xogħol baqa' miexi, tant li tlestew ħafna affarijiet. Il-Perit Louis Naudi kien responsabbli biex ġew irranġati xi kmamar minn xi partijiet tal-kripta sabiex jibdew jintużaw bħala kmamar għall-patrijiet li bdew jieħdu ħsieb din il-knisja.

Ta' min isemmi li f'din il-kripta saru ħafna funzjonijiet kbar fosthom Ordinazzjoni ta' Presbiteru u ta' Djakni. Fost dawn ġie ordnat bħala Djaknu l-President Onorarju tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M. u ex-Kappillan tal-parroċċa tagħna Patri Joseph Falzon O. Carm., illum Kappillan tal-Balluta. Saru diversi kungressi, ġew amministrati s-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbna u tal-Griżma ta' l-Isqof u ħafna funzjonijiet reliġjużi oħra.



*Kungress Nazzjonali tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla – 1975.*

Il-bidu tal-proġett tal-bini tal-knisja parrokkjali kien xogħol iebes għat-tliet Kappillani li kienu jamministraw il-parroċċa, Patri Wistin Caruana O. Carm., Patri Kiljan Azzopardi O. Carm. u Patri Franġisk Grech O. Carm. Dawn il-kappillani ħabbtu wiċċhom ma' ħafna problemi sew finanzjarji kif ukoll diffikultajiet waqt il-bini, iżda bil-ġenerożità tal-poplu Vendriż, il-proġett tant mistenni ra l-bidu tiegħu.

## Jitkompla l-Bini tal-Knisja

Il-ħsieb li jitkompla x-xogħol fuq din il-knisja kien baqa' f'moħħ il-patrijiet tant li tul il-medda ta' disgħa u erbgħin sena kien hemm 7 prokuraturi. Dawn kienu:

1. Rev. Patri Nerik Zahra O. Carm. – 1956-1970;
2. Rev. Patri Guido Micallef O. Carm. – 1970-1973;
3. Rev. Patri Robert Farrugia O. Carm. – 1973-1983;
4. Rev. Patri Louis Bajada O. Carm. – 1983-1987;
5. Rev. Patri Robert Farrugia O. Carm. – 1988-1997;
6. Rev. Patri Ġiljan Calleja O. Carm. – 1997-2000; u
7. Rev. Patri Raymond Calleja O. Carm – 2000- .

Wieħed ma jridx jinsa s-sehem kbir li taw Patri Ġustin Sant O. Carm., Patri Marjan Farrugia O. Carm. u Patri Franġisk Grech O. Carm. li minkejja li ma kinux prokuraturi, ħadmu fil-ġbir u għal xogħlijiet oħra għall-bini tal-

kripta ta' din il-Knisja.

Minn wara l-Kapitlu Provinċjali ta' l-Ordni Karmelitan ta' l-1988, wara li għal xi snin ix-xogħol kien waqaf, il-ħidma biex titkompla l-knisja reġa' qabad ir-ritmu tiegħu. F'laqgħa tal-Kunsill Provinċjali li saret nhar l-20 ta' Diċembru 1988 fil-*Mt. Carmel College* (illum *St. Elias College*) inqrat ittra, mibgħuta mid-delegat ta' l-Arċisqof għas-Segretarjat tal-Ħajja u Ħidma fil-Parroċċi Dun Ġwann Galea, ġie pprezentat ir-rapport tal-Kummissjoni Djoċesana għal-limiti ġodda u żoni parrokkjali. Fir-rapport dwar il-parroċċa ta' Santa Venera li huwa bagħat lill-Arċisqof f'isem il-kummissjoni li fiha kien hemm membru s-Sur Lino Bartolo, l-Assistent tal-Perit tagħna, intqal li l-knisja l-ġdida f'Santa Venera għandha titkompla fejn hu ta r-raġunijiet għal dan. Il-kummissjoni għamlet xi suġġerimenti dwar il-mod kif għandha ssir il-pjanta. Wara diskussjonijiet twal ġie deċiż li tintbagħat kopja ta' dan ir-rapport lill-komunitajiet biex tinqara fil-komunità.

Fuq il-proposti tar-rapport imsemmi u wara li l-komunitajiet komplew jiddiskutu, nhar id-19 ta' Marzu 1989, ir-Rev. Patri Franġisk Grech O. Carm., Pirjol, kien ta l-ewwel tagħrif li se jitkompla l-bini ta' din il-knisja.

*"Inħoss id-dmir li nduru lejn Alla u ngħidulu grazzi. Grazzi għal dak kollu li għamel magħna permezz ta' din il-Kripta tul dawn l-aħħar 20 sena.*

*Però llum, ukoll f'għeluq l-għoxrin (20) anniversarju se nagħtukom aħbar sabiħa.*

*Bl-għajnuna ta' Alla se nagħtu bidu għall-kontinwazzjoni tal-bini tal-knisja fuq din il-Kripta.*

*Illum tajniekom l-ewwel tħabbira ta' ferħ, iżda 'l quddiem nagħtukom aktar, nagħtukom pass pass ta' dak li jkun qed isir. Jiena flimkien mal-komunità u ma' kulħadd, nitlob l-għajnuna ta' Alla, tal-Madonna tal-Karmelu, San Ġużepp li fil-ġurnata tiegħu nfetħet din il-Kripta u Santa Venera, Patruna tagħna biex din l-opra narawha tibda u ma ddumx ma tispiċċa."*

Silta mid-diskors ta' Patri Franġisk Grech O. Carm., Pirjol, waqt it-tħabbira tal-kontinwazzjoni tal-bini tal-knisja l-ġdida.

Minħabba li kien għadda żmien sewwa minn mindu bdiet tinbena l-knisja, kellu jsir ħafna xogħol mill-ġdid bi preparazzjoni għall-bidu ta' dan il-proġett. Kif jitolbu l-proċeduri u sabiex kollox jimxi sewwa, ġiet iffurmata kummissjoni

biex tieħu ħsieb it-tkomplija tal-bini. Din il-kummissjoni kienet tiġbor fiha lil:

| | |
|---|---|
| Superjur: | Patri Franġisk Grech O. Carm.; |
| Prokuratur Finanzjarju: | Patri Robert Farrugia O. Carm.; u |
| Prokuratur tal-Bini: | Patri Ġiljan Calleja O. Carm. |




Din id-darba x-xogħol tal-bini kien jinsab taħt id-direzzjoni ta' żewġ Periti, Louis A. Naudi[17] B.E. & A. u ta' Godwin Aquilina[18] B.A., B. Arch. (Hons.) bl-għajnuna tas-Sur Lino Bartolo bħala *draughtsman* li matul dawn is-snin kollha b'imħabba ħa ħsieb dan ix-xogħol.




Il-pjanta l-ġdida kellha tinbidel skond il-Liturġija ta' wara l-Konċilju Vatikan II u għalhekk ġie mqabbad is-Surmast Ġużeppi Galea tar-Rabat biex iħejji pjanta għall-knisja l-ġdida. Wara diversi laqgħat bejnu, bejn il-Pirjol Patri Franġisk Grech u d-disinjatur tal-Perit, Lino Bartolo, ġiet imfassla l-pjanta li għandna llum. Minħabba li l-pedmenti tal-knisja kienu diġà lesti, inħolqu ċerti diffikultajiet għad-disinn biex ma jsirux spejjeż żejda fil-bini tal-knisja l-ġdida.



*Lino Bartolo*

Wara li nħarġu l-permessi kollha neċessarji, kemm dawk ċivili kif ukoll dawk Ekkleżjastiċi, il-kummissjoni bdiet taħseb ukoll biex tgħaddi x-xogħol lil wieħed mill-aqwa kuntrattur Messrs. *Attard Bros.* ta' Ta' Qali biex ikun jista' jibda l-bini.

## Trasferita l-Parroċċa

Wara li kompla jiġi studjat ir-rapport imsemmi aktar 'il fuq, nhar it-30 ta' Ġunju 1989, il-Provinċjal Patri Leonard Mahoney O. Carm. flimkien mas-Segretarju tiegħu Patri Joseph Saliba O. Carm. marru għand l-Arċisqof biex jitkellmu miegħu dwar il-possibbiltà ta' trasferiment tal-parroċċa mill-knisja parrokkjali u matriċi għall-knisja l-ġdida. L-Arċisqof qalilhom li din it-talba riedet tiġi ppreżentata fil-Kunsill Presbiterali.

Nhar il-25 ta' Ottubru 1989 il-Provinċjal ir-Rev. Patri Leonard Mahoney O. Carm., ippreżenta t-talba tiegħu fil-Kurja ta' l-Arċisqof għall-ħruġ tal-parroċċa mill-knisja parrokkjali u Matriċi ta' Santa Venera għall-knisja l-ġdida. Flimkien mat-talba huwa ppreżenta wkoll il-pjanti u d-dokumenti li kienu diġà ppreżentati lill-Kurja mill-Provinċjali ta' qablu, b'deċiżjoni tal-kunsill ta' dak iż-żmien.

Fl-4 ta' Novembru 1989 f'laqgħa mal-Kunsill Presbiterali, imsemmi aktar 'il fuq, huwa wera t-talba formali għall-ħruġ tal-parroċċa u l-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida. It-talba li saret ġiet approvata b'mod unanimu.

Imbagħad il-provinċjal qara d-digriet li aworizza t-trasferiment tal-parrokat mill-knisja l-antika u Matriċi għall-knisja parrokkjali l-ġdida. B'dan kien ifisser li l-kripta tibda sservi ta' knisja parrokkjali u meta titlesta l-knisja l-ġdida, tkun il-knisja parrokkjali ddedikata lil Santa Venera V.M. Wara l-laqgħa tal-provinċjal mal-Kanċillier tal-Kurja u l-Kappillan tal-parroċċa r-Rev. Patri Damian Cachia O. Carm., ġie deċiż li d-digriet tat-trasferiment tal-parroċċa kellu jinqara darbtejn, nhar is-Sibt u l-Ħadd 25 u 26 ta' Novembru 1989 u nhar is-Sibt u l-Ħadd 2 u 3 ta' Diċembru 1989 fiż-żewġ knejjes ta' Santa Venera. B'digriet maħruġ mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, b'effett minn nhar it-3 ta' Diċembru 1989 għolla l-kripta tal-knisja l-ġdida għad-dinjità ta' parroċċa biex b'dan il-knisja f'Misraħ Santa Venera saret tissejjaħ il-Knisja l-Antika u Matriċi. B'hekk il-kripta tal-knisja l-ġdida bdiet taqdi d-dmirijiet ta' knisja parrokkjali sakemm jitlesta l-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida. Dakinhar tat-3 ta' Diċembru, 1989 saret quddiesa konċelebrata fil-knisja parrokkjali l-ġdida ta' Santa Venera mill-Provinċjal ir-Rev. Patri Leonard Mahoney O. Carm. mill-Kappillan ir-Rev. Patri Damian Cachia O. Carm. u mill-ex-kappillani ta' Santa Venera b'tifkira tat-trasferiment tal-parrokat ta' Santa Venera.

## Deskrizzjoni tal-Pjanti l-Ġodda




Fil-laqgħa ta' l-20 ta' Novembru 1989, il-Provinċjal ir-Rev. Patri Leonard Mahoney O. Carm. ippreżenta lill-kunsill il-pjanta tal-knisja parrokkjali l-ġdida[19] ta' Santa Venera u ngħata tagħrif tal-fondi li l-komunità kellha f'idejha fil-banek u l-istima li ġiet mogħtija lill-komunità mill-perit. Il-Komunità Karmelitana kienet taħt it-tmexxija tal-Pirjol Patri Franġisk Grech O. Carm. waqt li l-Kappillan kien Patri Damian Cachia O. Carm. u l-Prokuratur tal-bini kien Patri Robert Farrugia O. Carm. Kien il-Ħadd 24 ta' Diċembru 1989 li nħarġu pjanti ġodda tal-knisja flok dawk li kien hemm. Il-pjanti l-ġodda, kif diġà semmejna huma xogħol il-mibki s-Surmast Ġużeppi Galea mir-Rabat – Malta. Wara l-

mewt tas-Surmast Ġużeppi Galea ġie avviċinat is-Sur Vincent Centorrino biex jagħti l-għajnuna tiegħu. Dan għamlu bil-qalb u b'attenzjoni. Id-deskrizzjoni tal-pjanti huwa kif ġej:



**Vincent Centorrino**

*"Il-pjanta l-ġdida tal-knisja ta' Santa Venera hija fuq stil Bażilikali Doriku. L-istil Doriku Ruman huwa l-ewwel u l-iktar sempliċi ta' l-Ordnijiet Klassiċi. Dan l-istil jirrikjedi kolonni relattivament qosra u gwarniċi sempliċi. Fl-arkitettura Rumana dawn l-Ordnijiet bdew jintużaw bħala ħaġa ornamentali speċjalment fuq ħitan u faċċati ta' palazzi li kienu jkunu għoljin diversi sulari. Fuq dawn il-faċċati kienu jintużaw dejjem l-ewwel id-Doriku, imbagħad il-Joniku u l-Korint. L-istil Bażilikali ta spinta fi żmien l-Imperatur Kostantinu li bena bażiliki kbar fuq l-iktar postijiet importanti għall-Kattoliċi fl-Imperu Ruman fir-raba' seklu u b'hekk stabilixxa l-Bażilika bħala l-forma predominanti ta' l-arkitettura għall-knejjes Kristjani.*

*Fuq dan l-istil għandna diversi knejjes f'Malta bħal tal-parroċċa Matriċi tal-Marsa, il-knisja parrokkjali tal-Gżira u San Ġwann. Għalkemm dawn ivarjaw xi ftit minn xulxin f'disinn differenti. Il-knisja se jkun fiha ħames arkati kbar, iserrħu fuq kolonni tal-Ferro concrete li se jżomm il-ħitan li se jerfgħu s-saqaf tal-knisja tan-navi. Meta titkellam fuq il-knisja minn ġewwa ma tistax ma ssemmix il-kolonni u l-kapitelli tagħhom. Dawn se jsiru fuq stil Romaniku u li jikkumplimentaw ħafna mal-kumplament tal-knisja li, barra x-xogħol sabiħ fil-ġebla u l-lavur artistiku li se jkun fiha, ma tistax ma tikkunsidrax il-proporzjon perfett li għandhom mal-bqija tal-knisja. In-navi huma wesgħin 4.28 metri u se jwasslu għal żewġ kappelli 5 metri x 5.2 metri, waħda għas-Sagrament u l-oħra għall-Madonna. L-għoli tan-navi huwa ta' 14-il metru. Fin-navi se jkun hemm ħames (5) twieqi kbar li jixħtu d-dawl fuq il-knisja kollha. Il-knisja hija għolja 23 metru u fiha se jkun hemm 7 twieqi kull naħa 'l fuq mill-gwarniċun ewlieni. Il-knisja tispiċċa bil-presbiteru kbir u sabiħ, 11.02 metri fond li fih se jitpoġġa l-artal ewlieni skond in-normi tal-Liturġija approvati mill-Konċilju Vatikan II. Fuq wara tal-Presbiterju wieħed se jsib is-Sedja Permanenti tal-president ta' l-assemblea liturġika kif ukoll prospettiva sabiħa tal-ġebel. Fuq il-presbiteru wieħed se jsib 4 bibien, tnejn jagħtu għall-kappelli laterali u ieħor għall-'crying room' kif ukoll għas-sagristija. It-tul tal-knisja mit-tarf tal-presbiteru sal-bieb il-kbir tal-faċċata huwa ta' 38 metru u wiesa' 25.57 metri. Fil-faċċata wieħed isib 3 bibien kbar, il-bieb prinċipali li jagħlaq fit-tond u hu msaqqaf bi troll u l-bibien tal-ġnub li huma kwadri.*

*Fuq l-istess bieb prinċipali se jkun hemm gallerija li fuqha se jinbena fontispizju. Kif tidħol mill-bieb prinċipali, wieħed se jsib żewġ niċeċ, waħda għall-vara titulari ta' Santa Venera V.M. li tkun tista' titpoġġa bil-bradella b'kollox, kif ukoll oħra għall-Madonna tal-Karmnu li hija iżgħar fid-daqs għar-raġuni li warajha hemm il-bieb li jagħti għat-taraġ li jwassal għall-bejt u l-kampnari."*

## Isiru xi Xogħlijiet għall-Infurzar tas-Saqaf

Kien proprju t-Tnejn, 23 ta' Lulju 1990, il-ġimgħa li fiha ġiet iċċelebrata l-festa ta' Santa Venera V.M. li l-Kumpanija *Attard Bros. Co. Ltd.* ta' Ta' Qali, li kienet ħadet il-kuntratt tax-xogħol tal-bini tal-knisja l-ġdida bdiet il-ħidma tagħha fuq dan il-proġett hekk ambizzjuz. Wara tant snin jistenna, il-poplu Vendriż ra b'għajnejh li tassew kien wasal iż-żmien biex il-ħolma ta' tant nies isseħħ. Kellhom isiru diversi preparamenti u arrangamenti qabel ma l-ġebel beda jitpoġġa waħda fuq oħra biex bdew jiffurmaw il-ħitan tal-ġnub tal-knisja.

Minħabba li l-pjanti issa kienu nbidlu, kien jinħtieġ li qabel ma jibda x-xogħol tal-bini fuq l-art ta' fejn kienet se tinbena l-knisja, l-ewwel isiru xi xogħlijiet żgħar ta' infurzar tas-saqaf, jiġifieri l-arja tal-kripta. Biex ikun żgurat li x-xogħol li kellu jibda jkollu bażi tajba, fid-19 ta' Frar 1990 beda l-iċċekkjar tas-saqaf tal-kripta u s-swali li fuqhom riedet tinbena l-knisja. Minħabba f'dan, il-kripta ma setgħet tintuża għal xejn, sa anke l-quddies kollu beda jsir fil-*Miriam Hall* għal ġimgħa sħiħa. Ir-riżultat kien wieħed pożittiv u b'hekk ix-xogħol seta jibda bla ebda xkiel. B'dan kien ifisser li l-ħxuna tal-konkos li kien ingħata meta ssaqqfet il-kripta, għalkemm ma kienx ingħata l-kontrabejt fuq il-wiċċ ta' l-istess saqaf, xorta waħda s-saqaf tal-kripta ġie ddikjarat li kien jista' jerfa' fuqu l-bini tal-knisja bi pjanti emendati. Mentri, għal serħan il-moħħ, it-tim tekniku ħa ħsieb li jsiru erba' kolonni ġodda fil-kripta peress li dawk li kellhom jerfgħu l-koppla kienu ġew bla użu u mhux bl-istess distanza ta' l-oħrajn. Sar ukoll ħajt ġdid li tela' fuq wara biex ikun jista' jerfa' l-piż tal-ħajt l-ieħor li jagħlaq il-knisja.

## It-Tberik u t-Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla[20]

Is-Sibt 6 ta' Ottubru 1990 waslet il-ġurnata li fiha l-poplu Vendriż kellu s-sodisfazzjon li jipparteċipa għall-ewwel festa tal-knisja l-ġdida.



Minn issa 'l quddiem ix-xogħol fuq il-bini tal-knisja sar aktar uffiċjali.

Iċ-ċerimonja li kienet immexxija mill-Wisq Reverendu Patri Leonard Mahoney, Provinċjal tal-Karmelitani bdiet b'quddiesa konċelebrata solenni fil-kripta tal-knisja fejn fost l-oħrajn ħadu sehem Patri Damian Cachia O. Carm. Kappillan u Patri Franġisk Grech O. Carm. Pirjol, flimkien mal-komunità li dak iż-żmien kienet qed tieħu ħsieb il-bini tal-knisja u numru ta' saċerdoti oħrajn mistiedna. Fl-Omelija tiegħu Patri Mahoney fost l-oħrajn qal:

*"Din il-knisja li se nibnu trid tkun il-post li fih jiltaqgħu u jitolbu flimkien il-fidili kollha. Sa mill-medda taż-żmien insibu li l-poplu kien jiltaqa' biex iqim lil Alla u nsibu li fit-tielet seklu bdew jinbnew il-knejjes. Il-ġurnata ta' llum hija importanti ħafna għalina, hija ġurnata ta' ferħ materjali iżda hija wkoll ta' ferħ spiritwali. Aktar ma nkunu magħqudin flimkien, aktar nuru l-imħabba lejn Alla. Il-knisja li se nibnu trid ħafna sagrifiċċji, żmien, kooperazzjoni u taħbit, iżda jekk inkunu magħqudin bejnietna u sodi fl-imħabba lejn xulxin, f'qasir żmien naraw lest dan it-tempju."*

Wara l-quddiesa saru żewġ diskorsi ta' l-okkażjoni mir-Reverendu Kappillan Patri Damian Cachia O. Carm. u mir-Reverendu Pirjol Patri Franġisk Grech O. Carm. Fid-diskors tiegħu l-kappillan qal:

*"Il-mixja ta' tletin sena waslitna biex ittemm ħolma, li naraw il-bidu tal-knisja li tista' taqdi l-ħtiġijiet reliġjużi lill-poplu Vendriż li aktar ma jgħaddi ż-żmien qed jikber. Il-knisja tal-ġebel hija l-post fejn il-Knisja ħajja, l-Insara, jiltaqgħu biex jagħtu qima lil Alla. Huwa l-post fejn isiru s-Sagramenti u fejn il-kelma ta' Alla tiġi mħabbra. Jalla din l-okkażjoni tal-lejla, it-tberik ta' l-ewwel ġebla jkun għajn ta' Barka u ħidma fejjieda."*

Filwaqt li l-pirjol fost l-oħrajn qal:

*"Nenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni mill-poplu biex dan il-proġett jitla' u ma jdumx, u biex kemm jista' jkun kull wieħed jagħti l-kontribut tiegħu għal din l-opra. Ħafna drabi dak li hu impossibbli għall-bniedem għal Alla huwa faċli. Kulma rridu nagħmlu huwa li nafdaw f'Alla.*

*Nirringrazzja lil dawk kollha li tul iż-żmien kemm ilha li bdiet tinbena l-knisja taw is-sehem tagħhom biex b'hekk illum stajna niltaqgħu flimkien għal din l-okkażjoni."*

Wara li nqara d-dokument u ġie ffirmat mill-Wisq Reverendu Provincjal Patri Leonard Mahoney O. Carm., mir-Rev. Kappillan Patri Damian Cachia O. Carm., mir-Rev. Pirjol Patri Franġisk Grech O. Carm., mir-Rev. Patri Robert Farrugia O. Carm., mir-Reverendu Patri Ġiljan Calleja O. Carm. u minn Fra Laurence Mercieca O. Carm., Patrijiet tal-Komunità tal-knisja l-ġdida, tpoġġa, flimkien ma' għadd ta' oġġetti ta' tifkira f'tubu apposta biex jitqiegħed fl-ewwel ġebla. Iż-żewġ parrini tat-tberik ta' l-ewwel ġebla kienu s-sinjuri Salvu Pace u Ġużeppi Pace[21], benefatturi kbar Vendriżi.


21

L-ewwel ġebla tqiegħdet fuq bradella u ġiet trasportata proċessjonalment mis-Sinjuri Natalino Farrugia, Alfred Vella, Silvio Vella, Charles Attard, Charles Borg, Chris Falzon, Michael Zerafa, Anthony Borg, Martin Gatt u Mario Coleiro, ilkoll membri u socji tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M., mill-kripta għall-post fejn kienet qed tinbena l-knisja. Wara li din twasslet fuq il-post, sar il-qari ta' l-iskrittura u wara saret iċ-ċerimonja tat-tberik u t-tqegħid tal-ġebla mill-Wisq Reverendu Provinċjal Patri Leonard Mahoney O. Carm. L-armar u t-tiżjin tal-post[22] kif ukoll in-nar ma naqsux milli jkomplu jagħmlu din il-ġurnata aktar memorabbli. Diversi rappreżentanti ta' l-Għaqdiet fil-parroċċa, fosthom il-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M., li ħa ħsieb li jarma l-inħawi għall-okkażjoni, kienu preżenti għall-istess ċerimonja.



22

## Il-Ħaddiema

Sabiex jitwettaq proġett bħal dak, tifhmu li jieħu tul ta' żmien u hi ħaġa ċara li l-idejn ikunu diversi. L-ewwel grupp ta' ħaddiema ewlenin li f'idejhom kienet fdata l-kostruzzjoni tal-knisja kienu erbgħa': Ġanni Azzopardi ta' 40 sena minn Ħal Qormi, il-bennej prinċipali tal-knisja. Huwa kien ilu f'dan ix-xogħol għal dawk l-aħħar 25 sena. Iż-żagħżugħ George Bonello ta' 22 sena minn Ħal Qormi wkoll kien ilu 7 snin jaħdem fil-bini. Huwa ħadem bħala

manwal. Ħaddiem ieħor fil-bini tal-knisja kien Leli Gatt – naġġar ta' 39 sena mill-Imsida li kien ilu jaħdem f'dan ix-xogħol għal 20 sena. Fl-aħħar insibu lil Manwel Giordimaina mill-Baħrija li għandu 30 sena, u nofs ħajtu, jiġifieri għal 15-il sena qattagħha fil-bini. Huwa ħadem bħala għajjutant. Maż-żmien ġew assenjati wkoll Leli Grogan u Charlie Azzopardi, ilkoll taħt is-superviżjoni tal-*Foreman* Ġanni D'Amato. Fuq dawn in-nies, il-poplu tar-raħal afda l-kostruzzjoni tal-maqdes il-ġdid iddedikat lill-Patruna Santa Venera V.M. Impressjonanti ħafna dehret d-dedikazzjoni u l-esperjenza ta' dawn il-ħaddiema li kienu qed jaħdmu fuq dan il-proġett hekk importanti għall-parroċċa ta' Santa Venera, xogħol li jirrikjedi eżattezza u paċenzja u xogħol li bla dubju min inzerta kien għaddej minn ħdejh, waqaf u ammira s-sbuħija u l-volum ta' kif kien qiegħed isir ix-xogħol.



***Bil-wieqfa:* *Ġanni Azzopardi***
***Isfel mix-xellug:* *Manwel Giordimaina, George Bonello, Leli Gatt.***



***Charlie Azzopardi u Leli Grogan mal-bennej tal-knisja Ġanni Azzopardi.***

Żgur li l-poplu Vendriż seta' jserraħ moħħu li l-mod li bih kienet se tinbena l-knisja, kien se jkun tassew tempju sabiħ kif jixraq lil Santa Venera V.M.



***Il-Foreman Ġanni D'Amato.***

## Jibda x-Xogħol tal-Bini

Kien lejn l-aħħar ta' Diċembru ta' l-1990 li x-xogħol fuq l-alterazzjonijiet minn ġewwa kien kważi lest għal kollox, biex lejn nofs Jannar 1991 ir-ritmu tax-xogħol reġa' beda fuq in-naħa ta' wara ta' l-artal u l-bini beda jidher kuljum jiżdied u tiela' 'l fuq. L-ewwel xogħlijiet li nbdew kienu, fost l-oħrajn, is-sagristija li nbniet fuq wara fejn ġej l-artal maġġur. Il-

*crying room* u kamra għall-Qrar fuq in-naħa tax-xellug fuq l-istess artal, filwaqt li fuq il-lemin kamra għall-abbatini u mħażen. Xogħlijiet oħra kienu l-kappella tas-Sagrament u l-kappella tad-Duluri fuq ix-xellug u l-lemin ta' l-artal maġġur rispettivament, dan meta wieħed iħares lejn l-artal mill-korsija tal-knisja.

It-Tnejn 8 ta' April, 1991 kien il-jum li wieħed seta' jara l-ewwel ħadid ta' żewġ kolonni għoli madwar sular, biex b'hekk ingħata bidu għax-xogħol fuq il-kolonnar tal-knisja[23]. Sa dak iż-żmien kull taqsima tal-knisja kien inbeda x-xogħol fuqha, minbarra l-faċċata.



Lejn l-aħħar ġimgħa ta' Mejju 1991, billi l-livell tal-bini issa għola mhux ħażin, kien meħtieġ li jintrama *scaffolding* mad-dawra kollha tal-knisja minn ġewwa, biex b'hekk jitħaffef ix-xogħol. Permezz ta' dan kien fit-tieni ġimgħa ta' Ġunju 1991 li ngħata bidu fuq ix-xogħol tat-twieqi li jagħtu għal Triq il-Parroċċa. Ix-xogħol fuq il-lavur fil-ġebel għall-ġnub tat-twieqi kien ilu li beda mhux ħażin biex b'hekk, malli bdew jiffurmaw it-twieqi, instab ħafna xogħol lest u ma nħeliex żmien. Min kien midħla sew tal-proċess tal-bini ta' dan il-proġett, seta' japprezza l-mod kordinat li bih bdew jaħdmu l-bennejja ta' *Attard Bros.* flimkien mal-Periti Naudi u Aquilina u d-*Draughtsman* Lino Bartolo.

Wara li tkompla x-xogħol tal-bini fuq wara ta' l-artal maġġur, kien imiss li s-Sibt 22 ta' Ġunju 1991 ssaqqfet is-sagristija bil-planki. Ix-xogħol fuq l-artal maġġur baqa' sejjer u fil-bidu ta' Lulju 1991 wieħed seta' jara l-lavur tal-kwadru titulari jitpoġġa f'postu u b'hekk ġiet iffurmata l-prospettiva ta' wara l-artal. Fil-5 ta' Awissu 1991 ingħata bidu għax-xogħol fuq ix-xatters tas-soqfa tal-kmamar fil-ġnub ta' wara l-artal biex b'hekk insibu li sa dak iż-żmien ix-xogħol kollu li kellu x'jaqsam ma' dik il-parti kien fi stadju avvanzat biex ikun lest kollu. Ix-xogħol ma jaqta' qatt, xaħar wara l-ieħor u f'Jannar 1992, minħabba l-ħtieġa ta' aktar partijiet u billi l-uffiċċju tal-Provinċja Karmelitana ġie ttrasferit għal Santa Venera, fil-kunvent ta' Triq il-Parroċċa kien hemm bżonn ta' kostruzzjoni ta' aktar kmamar.

## Xogħol fuq Barra

Immedjatament wara dan ix-xogħol, ingħata bidu fuq xogħol fil-*Miriam Hall* marbut mal-faċċata tal-knisja. Dan kien neċessarju billi fil-pjanta oriġinali ma kienx maħsub li se jkun hemm il-kampnari fil-faċċata. Fil-fatt min jiftakar din il-pjanta jsib kampnar wieħed fuq wara tal-knisja. Għaldaqstant il-periti ħasbu biex isaħħu fejn se jinbnew il-kampnari billi minn isfel inbnew ħitan ħoxnin u sodi. Dan ix-xogħol wassalna biex fil-bidu ta' Marzu 1992 il-ħaddiema dehru jaħdmu fuq in-naħa ta' barra. Dan kien ifisser li issa beda x-xogħol direttament fuq il-faċċata. Xogħol li minħabba li kien fih ħafna lavur u rqaqat oħra, kien mistenni li jdum sejjer mhux ħażin. Ma' dan ix-xogħol kien hemm ukoll il-bini taż-żewġ niċeċ eżatt kif tidħol mill-bieb prinċipali, waħda tal-vara titulari ta' Santa Venera V.M. u l-oħra dik tal-Madonna tal-Karmnu li hija iżgħar fid-daqs. F'April ta' l-istess sena, wieħed seta' jinnota l-koxox tal-bieb prinċipali jiffurmaw minn jum għall-ieħor. Fix-xhur ta' wara, ix-xogħol l-iżjed li spikka kien fuq il-bini tal-faċċata tal-knisja għax tlestew il-bibien tal-ġnub u ssaqqfu l-entraturi ta' taħt in-navi, jiġifieri kif tidħol mill-bibien tal-ġnub taħt il-kampnari. Sal-livell tan-niċeċ, kull ma kien għad jonqos kien il-bieb prinċipali msaqqaf bi troll pariġġ iż-żewġ niċeċ. Kulħadd kelma waħda kien, kemm miexi x-xogħol u kemm qiegħed isir xogħol mill-isbaħ.

Fuq in-naħa ta' ġewwa tkomplew il-pilastri li tlestew sal-gwarniċa ta' taħt il-kaptelli. It-twieqi telgħu ġmielhom u issa kull ma kien jonqoshom huwa t-tond ta' fuq biex jingħalqu. Il-parti ta' taħt in-navi kienet kważi lesta biex fi ftit żmien wara kienet waslet biex tissaqqaf.

Waqt li kien qiegħed isir dan ix-xogħol, sar ħafna xogħol ta' lavur tal-ġebel li minħabba li jinħadem kollu bl-id, jieħu fit-tul, iżda meta jkun lest jisa' faċilment jitqiegħed fil-post u tkun tista' tammira iktar ix-xogħol fil-ġebla. Biżżejjed ngħid li xahar xogħol ta' lavur jitqiegħed f'jumejn biss!

Fil-kolonni wkoll ġew mgħoddija pajpijiet tal-*conduit* għal meta jkun se jgħaddi d-dawl.

Sa Mejju 1994, il-bieb prinċipali ssaqqaf permezz ta' troll li qabel ħafna mal-mod ta' kif ġew imsaqqfa ż-żewġ niċeċ li hemm fuq kull naħa[24] u sa ftit xhur wara l-pilastri tan-navi kienu lesti wkoll.



## Issir l-Ewwel Quddiesa fil-Proġett tal-Knisja

Dakinhar tal-ħruġ tal-vara titulari minn niċċa, it-Tnejn 25 ta' Lulju 1994 – Jum it-Tfal tal-Parroċċa, ir-Rev. Kappillan Patri Joe Vella O. Carm. ġietu l-idea li l-quddiesa tat-tfal ta' żmien il-festa, tiġi organizzata fil-proġett tal-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida. It-tfal b'diversi bnadar u bżieżaq f'idejhom, inġabru lkoll fil-knisja u assistew għall-quddiesa li kienet immexxija mill-kappillan stess fejn fiha saret l-Ewwel Tqarbina lit-tewmin Francis u Oliver Fishburn li joqogħdu f'Santa Venera House, Eckington, l-Ingilerra u li għandhom qrabathom minn Santa Venera. B'hekk nistgħu ngħidu li dawn it-tewmin kienu l-ewwel tnejn li għamlu l-Ewwel Tqarbina fil-proġett tal-knisja l-ġdida. Wara l-quddiesa ġiet organizzata dimostrazzjoni tat-tfal fejn fiha nħarġet mill-istess kisja l-istatwa l-antika ta' Santa Venera V.M. Din id-dimostrazzjoni kienet immexxija mill-i*Scouts* ta' Santa Venera u b'kooperazzjoni mad-diriġenti tal-MUSEUM u Għaqdiet oħra tat-tfal fil-parroċċa. Il-qofol tagħha ntlaħaq f'Misraħ Santa Venera fejn it-tfal Vendriżi, flimkien mal-bqija tal-poplu, laqgħu l-vara titulari ta' Santa Venera V.M. fil-ħruġ tagħha min-niċċa.

Ix-xogħol issokta u ħafna minnu tkompla fil-kor tal-knisja, ingħata l-kontrabejt tas-sagristija u l-kmamar ta' madwarha u ttellgħet l-opramorta fuq dan il-bejt biex b'hekk nistgħu ngħidu li s-sagristija u l-parti ta' wara tal-knisja kienu lesti mill-bini. Xogħol ieħor sar fuq il-ħitan tal-ġnub tan-navi fejn dawn tlestew sas-saqaf biex kulma kien jonqos kienu n-navi nfushom tan-naħa tal-lemin.

## Jitwaqqaf *Tower Crane*

F'Marzu 1995, inbdew il-preparamenti tal-pedamenti biex fuqhom jintrama t-*tower crane*.[25] Dawn kienu jikkonsistu f'pilastri ta' *support* ġewwa l-*Miriam Hall* u xi xogħol ieħor fuq in-naħa ta' barra. F'April wasal it-*tower crane* u nbena fil-post biex ikun jista' jitħaffef ix-xogħol tat-tqegħid u l-ġarr tal-ġebel għal fuq l-i*scaffolding* fejn kien qed isir ix-xogħol tal-bini. Tlestew ukoll il-forom ta' l-injam tat-tond tan-navi, ingħalqu t-



twieqi u tkompliet parti oħra mill-faċċata. It-*tower crane* kien essenzjali ħafna biex dan ix-xogħol seta' jsir u jittella' l-ġebel mingħajr tbatija żejda.

Ix-xogħol issa mexa ġmielu fejn mingħajr it-*tower crane* ma setax isir u għalhekk ix-xogħol issa beda jidher iżjed. Il-ħitan tal-ġnub tal-knisja tlestew sas-saqaf u nħadem il-lavur għan-navi. It-twieqi kienu magħluqin kollha u l-knisja kienet laħqet l-istess għoli dawramejt. Tlestew in-navi tan-naħa tal-lemin u tqiegħed il-lavur kollu, kemm fl-arkati kif ukoll iċ-ċinta ta' taħt is-saqaf. Tqiegħdu l-forom ta' l-arkati f'posthom u bdew jinbnew l-arkati fuqhom.[26] Meta l-arkati bdew jiffurmaw, dehret ċara l-eleganza fl-arkitettura tal-knisja li biha din intlaqgħet ferm tajjeb kemm mill-poplu ta' Santa Venera, kif ukoll minn nies ta' barra r-raħal li kienu qegħdin isegwu x-xogħol mill-qrib. Meta mbagħad tneħħew il-forom fin-navi, deher ċar il-maestożità ta' din il-knisja.







Meta x-xogħol kollu kien lest kien imiss li jibda jitqiegħed is-saqaf.[27] Is-saqaf sar tal-planki u tista' tgħid li f'nofsinhar in-navi tal-lemin kienu msaqqfin u lesti u wara dan ix-xogħol kien imiss li jibda x-xogħol tal-kontrabejt u l-opramorta. Il-lavur kien tqiegħed kollu speċjalment dak li jħares lejn il-korsija. B'hekk sa dak iż-żmien nistgħu ngħidu li parti sostanzjali mill-knisja kienet lesta. Wara dan ix-xogħol inbdew in-navi tan-naħa tax-xellug. Tlestew il-pilastri sa fuq u tela' l-ħajt bl-istess għoli, tqiegħed il-lavur li kien hemm lest u ngħalqu l-kumplament tat-twieqi. Ix-xogħol kien jinsab fi stadju avvanzat ħafna fuq in-navi u malli tlestew setgħet tissaqqaf din il-parti tal-knisja wkoll.

Tifhmu li bid-diskors ma tantx tista' tispjega x-xogħol li kien qiegħed isir,

iżda r-ritratti jitkellmu waħidhom u minn sena għall-oħra, il-knisja kienet tkun miftuħa għall-pubbliku fil-jiem tal-festa biex kull min kien ikun interessat, seta' josserva u jammira mill-viċin ix-xogħol li jkun sar f'dawk iż-żminijiet tal-festa. Sfortunatament fix-xhur ta' wara ma tantx rajna progress bil-bini, bħal donnu li x-xogħol waqaf daqsxejn u dam żmien twil wieqaf. Kull meta wieħed kien jara l-bieb ewlieni proviżorju miftuħ, donnu kien jieħu r-ruħ għax f'qalbu kien jgħid: "Għall-erwieħ, il-knisja se titkompla."

## Xogħol Wieqaf

Sfortunatament bejn is-sajf 1996 u s-sajf 1997 ma tantx sar progress fil-bini. Milli jidher kienu naqsu l-flus. Għaldaqstant saru xi appelli.

Ħafna parruċċani kienu jaraw li tamiethom li xi darba din l-imbierka knisja jarawha lesta, dejjem qed tisfuma fix-xejn. Ħafna kienu jirraġunaw li aktar ma jgħaddi żmien, aktar l-ispejjeż qegħdin jiżdiedu. Mela mhux aħjar isir xi self minn x'imkien biex din l-opra titkompla f'daqqa u mhux bil-pass ta' nemla. Iżda l-mistoqsija kienet: minn xi mkien... Min hu? Il-banek ma jsellfux fuq knejjes. Min se jagħmel tajjeb għalih dan id-dejn? Oħrajn kienu jgħidu li aktar Vendriżi jmisshom jagħtu sehemhom billi dejjem l-istess nies idaħħlu idejhom fil-but. Insomma, biex din l-opra setgħet titlesta, kien jeħtieġ li jsir ġbid ta' ħabel wieħed minn kulħadd.




Għall-okkażjoni tal-festa titulari, nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju, 1998 fis-7.00pm, Jum it-Tfal tal-Parroċċa, ġiet organizzata t-tieni quddiesa[28] fil-proġett tal-bini tal-knisja u qaddisha r-Rev. Provinċjal Patri Amadeo Zammit O. Carm. Għal darb'oħra dakinhar kienet ħarġet l-istatwa ż-żgħira ta' Santa Venera V.M. li tintuża għall-festa tat-tfal.

## Jitkompla l-Proċess tal-Bini

Ix-xogħol tkompla u issa b'ritmu iżjed mgħaġġel minn qabel, wara li l-Patrijiet Karmelitani ħadu ħsieb li jimbuttaw lill-kuntrattur fix-xogħol tal-bini tal-knisja parrokkjali.

Fl-20 ta' Diċembru 1999 għall-ħabta tad-9.30am tpoġġiet l-arma ta' Santa

Venera, skulturata fil-ġebel mis-Sur Tarcisio Montebello u li tqiegħdet fuq it-tieqa tan-nofs ta' fuq il-bieb prinċipali.[29]



Fl-10 ta' Jannar 2000 beda x-xogħol fuq it-tqegħid tal-forma ta' l-injam,[30] biex fuqha jitla' l-ġebel għall-ħnejja ta' l-arzella tal-kor. Din hi t-tieni l-ikbar waħda f'Malta wara dik tal-Katidral ta' San Ġwann u jingħad li kienet l-akbar xogħol fil-knisja li kiddet lill-ħaddiema. B'kollox ġew illavurati 489 ġebla biex ingħaqdet din l-arkata ewlenija tal-knisja.



Fit-22 ta' Frar 2000 tpoġġa l-ewwel kapitell skulturat fuq il-pilastru tal-faċċata tal-knisja. L-iskultura nħadmet ukoll mis-Sur Tarcisio Montebello.

Fl-1 ta' April 2000 waqt li bdew jitpoġġew il-mensoli ta' taħt il-gwarniċun ta' taħt is-saqaf, waħda minnhom aċċidentalment waqgħet u saret ħsara fil-gwarniċa tas-sekonda ordni. Fortunatament ħadd mill-ħaddiema ma weġġa'. Sal-festa titulari tas-sena 2000, kienet laħqet tneħħiet il-forma ta' l-injam ta' l-arzella tal-kor u bdew jiġu skulturati żewġ armi għan-nofs ta' l-istess ħnejja, dik tal-Karmnu u dik ta' Santa Venera u wkoll kienet qiegħda titkompla l-gwarniċa tad-dawra kollha ta' taħt is-saqaf.

Fil-11 ta' Ġunju, 2000 riħ qawwi ħafna għamel xi ħsara fil-knisja. Twavel mill-i*scaffolding*, għalkemm kienu marbuta, inqalbu minn posthom, taru, waqgħu u kissru xi mensoli ta' taħt is-saqaf. Dawn ġew mibdula xi jiem wara. Fl-10 ta' Lulju, 2000 tlestew iż-żewġ armi ta' fuq il-ħnejja ewlenija tal-kor skolpiti fil-ġebla mis-Sur Tarcisio Montebello. Dawn jissimbolizzaw l-arma tal-Karmelu u dik ta' Santa Venera.[31]



Fit-28 ta' Lulju 2000, l-aħħar Jum tat-Tridu tal-festa ta' Santa Venera V.M., tpoġġew il-kapitelli ta' fuq il-pilastri tal-faċċata tan-naħa tal-ġenb skolpiti wkoll mis-Sur Tarcisio Montebello[32]. L-aħħar kapitelli tpoġġew f'posthom fl-4 ta' Awissu ta' l-istess sena. Dawn huma skulturati fuq stil Joniku.




## Ir-Relikwija bil-Vara Titulari fil-Knisja – Sorpriża

Proprju, f'nhar il-festa tal-Patruna tagħna Santa Venera V.M., il-Ħadd 30 ta' Lulju 2000, għall-ħabta tat-8.30 ta' filgħaxija hekk kif il-purċissjoni bil-vara titulari waslet quddiem il-proġett tal-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida, il-Wisq Rev. Provinċjal Patri Amadeo Zammit O. Carm., għarraf lir-Rev. Pirjol Patri Raymond Calleja O. Carm., lir-Rev. Kappillan Patri Joe Vella O. Carm., lill-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M. u lis-Sur Freddie Cachia, il-bniedem inkarigat mit-tmexxija tal-vara, li kien se jdaħħal il-vara flimkien mar-relikwija fil-proġett tal-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida.

Kien mument li ħafna Vendriżi kien ilhom jixtiequ li jaraw u ħafna qatgħu xewqithom li jaraw din il-ħaġa sseħħ. Kien mument memorabbli, iċ-ċapċip tan-nies preżenti wera biċ-ċar il-ħerqa li l-Vendriżi għandhom li jaraw il-vara tagħhom fil-knisja parrokkjali l-ġdida. Kien mument li qabbeż id-dmugħ lil kull min kien preżenti u meta l-vara ddawret biex terġa' toħroġ lura u tkompli bil-purċissjoni, l-emozzjoni ta' dawk preżenti kienet tant kbira li kulħadd infexx f'ċapċip u għajat ta' ferħ. Id-daħla tal-vara u tar-relikwija fil-knisja parrokkjali l-ġdida kienet ħaġa simbolika li wriet id-determinazzjoni tal-poplu Vendriż u tal-Patrijiet Karmelitani li flimkien jibnu knisja ġdida. Din il-knisja hija l-mod kif dawk kollha li jaħdmu għaliha u dawk li jikkontribwixxu fil-finanzjament tagħha biex tinbena, jesprimu ruħhom fil-fidi nisranija.

## Ix-Xogħol Ikompli

Wara waqfa ta' ftit ġranet, fis-26 ta' Settembru 2000 reġa' beda x-xogħol ta' tqegħid tal-gwarniċa ta' taħt is-saqaf fuq in-naħa tax-xellug tal-knisja. Dan seta' jseħħ wara li tlesta x-xogħol tal-lavur ta' din il-gwarniċa.

Fl-24 ta' Ottubru, 2000 inġab ġebel kbir (važi) biex tinħadem il-gwarniċa tal-faċċata. Inġabu mitt ġebla ta' dan it-tip, minn erba' mija li b'kollox kien hemm bżonn u li dawn il-mitt gebla swew tlett elef lira Maltin jew aħjar tletin

lira-il waħda. Il-qies ta' dawn il-vażi[33] kien ta' 6 piedi, 2 piedi kwadri u sitta minnhom 6 piedi kwadri u 2 piedi għoli.




Fis-7 ta' Diċembru 2000 bdew jitpoġġew dawn il-vażi fuq il-faċċata wara li nħaddmitilhom il-gwarniċa.

Fl-4 ta' Jannar 2001 inħatt il-ħadid ta' l-i*scaffolding* li kien qiegħed idawwar il-parti ta' barra 'l fuq min-navi għax ix-xogħol kien lest.

Fil-5 ta' Frar 2001 bdiet titpoġġa il-gwarniċa ta' fuq nett. Dan ta bidu għall-bini tal-frontispizju u l-kampnari.

Fid-29 ta' Marzu 2001 tpoġġew is-sitt vażi l-kbar u biex dan seta' jseħħ kellu jitressaq it-*tower crane* 'l barra biex setgħu jitpoġġew fuq il-pilastri ewlenin. Matul ix-xhur ta' Mejju 2001 reġa' beda jinbena l-i*scaffolding* fuq il-kor u b'hekk ingħata bidu fuq ix-xogħol tal-ħitan u l-arzella tal-kor.

Fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru 2001 reġa' beda x-xogħol tal-bini biex b'hekk il-lavur fil-ġebla li matul ix-xhur ta' qabel kien qiegħed jitlesta, issa beda jitpoġġa f'postu.

Fit-23 ta' Ottubru 2001 inġabu żewġ ġebliet kbar (vażijiet) oħra biex ikunu jistgħu jinħadmu. Il-qies tagħhom kien ta' 8 piedi b'6 bi 3 piedi għoli. Dawn inġabu biex tinħadem il-gwarniċa ta' taħt il-frontispizju u parti mill-frontispizju.

Matul ix-xhur ta' Novembru u Diċembru sar xogħol fuq il-bini tat-*toilets* u l-aċċess biex tidħol għalihom. Dawn saru għan-neċessitajiet sanitarji ta' dawk li jattendu fil-knisja.

Is-Sibt 5 ta' Jannar 2002 inbeda x-xogħol tat-twaqqigħ tal-gallarija li kien hemm mal-ġenb tal-knisja biex minflokha jsir passaġġ jew kuridur li minn fejn il-bieb tal-knisja tan-naħa ta' isfel wieħed ikun jista' jidħol bil-*push chair* għall-*crying room* jew għall-bieb ta' l-Emerġenza li jinsab fil-ġenb tal-knisja fejn il-kappella tas-Sagrament.




Il-Ħamis 28 ta' Frar 2002 inġabet l-ewwel tieqa.[34] Din

tpoġġiet fil-knisja biex ikun jista' jaraha l-poplu. Din saret fuq disinn tad-*Draughtsman* tal-knisja s-Sur Lino Bartolo u nħadmet għand is-Sur Joe Mizzi ta' *Mid-Way Stained Glass* ta' Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara. Dawn bdew jinħadmu ġewwa *workshop* fi Triq il-Kanun u wara ġew trasferiti għall-Imrieħel. Kull tieqa swiet s-somma ta' disa' mija u tletin lira Maltin (Lm930.00) li jinkludi ħadid, iggalvanizzar, tqegħid u xogħol. Il-ħġieġ għal kull tieqa sewa mitejn u erbgħin lira Maltin oħra (Lm240.00). B'kollox kull tieqa swiet Lm1,170.00.

Fix-xahar ta' April ta' l-istess sena, intlaħaq ftehim biex jibdew jinħadmu l-planki tal-korsija. It-tul tal-planki huwa ta' ħamsa u erbgħin (45) pied-il waħda.

Fil-bidu tax-xahar ta' Mejju 2002, inġabu mitt ġebla oħra (važi) biex tkun tista' tinħadem l-arzella. Dan ix-xogħol beda jinħadem mis-Sur Leli Gatt, iżda dan kellu jtemm ħidmietu fuq il-lant tax-xogħol minħabba ċirkostanzi ta' saħħa. Ix-xogħol issa qiegħed jitkompla mill-Imgħallem is-Sur Ġanni Azzopardi.

F'nofs ix-xahar ta' Mejju beda x-xogħol tal-kampnari.

Is-Sibt 26 ta' Mejju 2002, wara li nbnew tliet filati ġebel, saret sodda tal-konkrit ta' madwar pied u nofs għoli biex tieħu l-piż taż-żewġ kampnari li hemm iddisinjati.

Fit-8 ta' Lulju 2002 tpoġġiet l-ewwel tieqa tal-ħadid. Din tqiegħdet fl-ewwel tieqa li tinsab fi Triq il-Parroċċa, int u nieżel minn Triq il-Kbira San Ġużepp.

Fit-30 ta' Lulju 2002 (jumejn wara l-festa) tpoġġiet it-tieni tieqa.

Wara waqfa ta' ftit xhur, ix-xogħol fuq il-bini tal-knisja tkompla fis-7 ta' Ottubru 2002 b'ritmu mgħaġġel.

Fis-17 ta' Ottubru 2002 iżżarma[35] t-*tower crane* minn ġol-knisja. Dan ix-xogħol sar peress li t-*tower crane* ma setax jintuża iżjed għax-xogħol li kien għad irid isir. It-*tower crane* kien tpoġġa fil-knisja 'l fuq minn seba' snin qabel.




## Tissaqqaf il-Korsija

Fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru 2002 beda x-xogħol ta' tħammil fuq iz-zuntier biex sar pedament sod fejn kien se jserraħ il-krejn ġgantesk li kellu jerfa' l-planki tal-korsija.

Wara xhur ta' taħdidiet li l-Komunità Karmelitana kellha mal-Kunsill Lokali, il-GRTU (minħabba l-ħwienet li kienu se jiġu milquta ħażin minħabba l-għeluq tat-triq), mal-Pulizija u ma' l-awtoritajiet kollha konċernati biex jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa, nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2003 dan il-ftehim intlaħaq. B'dan, Triq il-Kbia San Ġużepp kellha tingħalaq għat-traffiku mit-Tlieta 21 sal-Ħadd 26 ta' Jannar 2003, li jekk kollox jimxi sew, kellu jintemm ix-xogħol u b'hekk isseħħ il-ħolma ta' tant Vendriżi li l-knisja parrokkjali l-ġdida tkun imsaqqfa. Dan il-ftehim kien meħtieġ minħabba li t-triq kellha tingħalaq għal kollox biex l-inġenji jkunu jistgħu jaħdmu bla xkiel tat-traffiku qawwi li jgħaddi mill-istess triq.

Il-krejn kellu jiġi miċ-Ċirkewwa għal Tal-Pietà fuq il-vapur ta' Għawdex, iżda minħabba t-toqol tal-krejn, il-kaptan ħass li m'għandux jgħabbi piż bħal dak fuq il-vapur u għaldaqstant kellu jinsab mezz ieħor. Finalment ġie deċiż li l-krejn jinġieb miċ-Ċirkewwa megħjun minn *trailer*.

Hekk kif kien miftiehem, it-Tlieta 21 ta' Jannar 2003, il-krejn ta' tliet mitt tunnellata tal-kumpanija *Polidano Plant Hire* Tal-Barrani u li huwa l-ikbar wieħed f'Malta, telaq miċ-Ċirkewwa fejn kien qed jagħmel xogħol fuq it-terminal tal-vapuri tal-*Gozo Channel*. Dan il-krejn jintuża biss għal proġetti kbar ħafna peress li għandu l-kapaċità li minbarra li jinfetaħ b'mod normali, jinfetaħ għal għoli ħafna aktar minn ta' krejnijiet oħra. Miegħu jieħu tip ta' estensjoni msejħa *jip* ta' 50 metru li minbarra l-għoli li kapaċi jilħaq, kapaċi wkoll iwassal fil-fond ħafna, billi meta jkun armat kollu, hu jiġi f'għamla ta' L. Ta' min jgħid li sa dak iż-żmien, il-*jip* kienet għadha qatt ma ntużat u kienet se tintrama l-ewwel darba għall-proġett tas-saqaf tal-knisja parrokkjali l-ġdida.

Għal ħin tat-3.00pm il-krejn wasal ħdejn ir-*roundabout* ta' Fleur-de-Lys u qabad it-triq lejn Santa Venera bir-*reverse* sakemm madwar għaxar minuti wara dan tfaċċa ħdejn it-turretta u kompla nieżel sal-kantuniera ta' Triq il-Parroċċa.[36] Wara li dan tpoġġa fil-post ideali quddiem il-knisja biex ikun jista' jaħdem bl-aħjar mod possibbli, immedjatament il-krejn beda jintrama u l-ħaddiema baqgħu jaħdmu sa wara d-9.30 ta' filgħaxija.



L-għada, l-Erbgħa 22 ta' Jannar 2003 tkompla x-xogħol fuq l-armar tal-krejn u għal ħin ta' l-10.30am bdew jaslu t-*trailers* bil-biċċiet tal-*jip*. Ix-xogħol dam sejjer sal-11.20 ta' filgħaxija u kollox kien jindika li x-xogħol l-għada ma kienx se jibda.

L-għada 23 ta' Jannar 2003 mad-9.00am reġa' tkompla x-xogħol ta' l-armar tal-krejn u dakinhar bdew jarmaw il-*cables* tiegħu. Il-ġurnata kienet mimlija xita u għalhekk kien hemm xi ħinijiet li kellhom jieqfu. Mentri l-għajta kienet li l-għada wara nofsinhar kien se jibda jittella' xi ħaġa.

Il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2003, mas-7.00am waslu l-ewwel żewġ planki u b'hekk dehret tbissima fuq fomm dawk preżenti. Mat-8.00am reġa' nqabad ix-xogħol fuq l-armar tal-krejn u mad-9.35am il-krejn tlesta mix-xogħol meħtieġ u deher jibda jinfetaħ u jogħla ftit ftit.[37]


37

Fl-9.55am ta' l-istess ġurnata, hekk kif kulħadd kien ħerqan jara dan il-krejn jinfetaħ u kif l-estensjoni tiegħu nqatgħet b'xi madwar metru mill-art, kien hemm spluzjoni fil-*hydraulic system* ta' parti mill-estensjoni bil-konsegwenza li deher nieżel ħafna frak. Kienet tqaċċtet waħda mill-pompi tal-*jip* u għaldaqstant ix-xogħol ma setax jitkompla. Għall-ewwel ħadd ma kien jaf x'kellu jsir u meta l-għada filgħodu ġie eżaminat il-krejn, instab li kienet tqaċċtet parti minnu u minħabba f'hekk kien hemm diversi proposti, fosthom li tinġieb il-parti li żviluppatilha l-ħsara mill-Ġermanja.

Il-Ħadd 26 u t-Tnejn 27 ta' Jannar 2003, ħadd mill-ħaddiema ma resaq lejn il-krejn; intqal li kienu qed jistennew xi risposta fuq il-parti li tqaċċtet sa anke ssemma li rappreżentant tal-kumpanija li timmanifattura l-parti imsemmija, kellu jiġi biex jarma kollox hu.

Din il-ħolma li tant il-Vendriżi kienu qed jistennew, bdiet ġejja b'ħafna inkwiet. It-triq donnha li kienet mimlija kollha intoppi, ħadd ma kien jaf xejn dwar x'se jsir. Il-permessi tal-Pulizija kienu sal-Ħadd 26 ta' Jannar 2003 u dan meta sa dik il-ġurnata kien għadu ma sar xejn.[38] Is-sidien tal-ħwienet bdew


38

jilmentaw minħabba nuqqas ta' bejgħ u r-Rev. Kappillan Patri Joe Vella O. Carm. kien qiegħed isib ħafna inkwiet mill-Pulizija. It-triq kienet ilha magħluqa diġà ġimgħa u kollox kien għadu fl-istess punt fejn kien ġimgħa ilu. Kulħadd kien jinsab imħawwad, anzi kellna verament biex nirringrazzjaw 'l Alla u lil Santa Venera V.M. li l-ħsara seħħet meta l-krejn kien fil-prova tiegħu u mhux meta kien mgħobbi b'xi planka, għax żgur li kien iseħħ diżastru kbir. It-Tlieta 28 ta' Jannar 2003, għal ħin tal-11.30am, bdiet tiżżarma l-*jip* kollha kemm hi għax din ma kinitx irnexxiet. Dakinhar, intwera xaqq ta' dawl għax sid il-krejn qatagħha li jsib metodu ieħor biex ikun jista' jtella' l-planki. Qal ukoll li l-parti li tqaċċtet riedet ħames ġimgħat oħra biex tasal Malta u għalhekk flimkien mal-perit, mal-*Foreman* Ġanni D'Amato u mal-Patrijiet Karmelitani ddiskuta l-possibbiltà li jintuża l-krejn waħdu bla *jip*, itella' sa fejn iwassal l-krejn[39] u mbagħad jagħmlu użu minn *rollers* biex ikunu jistgħu jmexxu l-planki. Ġie deċiż li dakinhar stess jippreżentaw kollox biex l-għada jkunu jistgħu jibdew itellgħu l-planki. Fil-fatt għal ħin ta' l-4.00pm il-*jip* kienet żarmata kompletament u kollox kien jinsab lest biex l-għada filgħodu jibda x-xogħol minnufih.




L-għada l-Erbgħa 29 ta' Jannar, 2003 fis-6.30am waslu żewġ *trailers* bl-ewwel erba' (4) planki. Dawn l-4 planki kienu itwal mill-oħrajn kollha peress li l-ewwel parti tas-saqaf, jiġifieri l-parti li tmiss mal-faċċata, hija aktar wiesgħa mill-bqija. Dawn għandhom tul ta' 50 pied u 3 pulzieri filwaqt li l-planki l-oħra għandhom tul ta' 49 pied b'wisa' ta' 3 piedi u 10 pulzieri u għoli ta' 1 pied u 4 pulzieri. Għal ħin tal-11.00 ta' filgħodu, intrabtet l-ewwel planka u hekk kif dehret tinqata' minn fuq it-*trailer* u l-Kappillan Patri Joe Vella O. Carm.[40] deher ibierek l-istess planki, tfaċċaw



tal-*Health and Safety* u dawn waqqfu x-xogħol immedjatament minħabba r-riħ qawwi li kien qed jaħkem u minħabba xi nuqqasijiet fejn tidħol is-sigurtà tal-ħaddiema u tan-nies ta' madwar. B'hekk il-ferħ u l-eċċitament kollu li kulħadd kellu reġa' għal darb'oħra għosfor fix-xejn u erġajna ħriġna diżappuntati aktar minn qatt qabel għax din id-darba l-veru konna qrib li l-planki jibdew jittellgħu.




Il-Ħamis 30 ta' Jannar 2003 fit-7.40 ta' filgħodu dehret tinqata' minn fuq it-*trailer* l-ewwel planka[41] biex għal ħin tat-8.00 ta' filgħodu l-ewwel planka tpoġġiet f'postha. Din tpoġġiet fuq in-naħa tal-faċċata bejn iż-żewġ kampnari peress li din hi waħda mill-4 planki t-twal. Sa fl-aħħar kulħadd beda jara sseħħ il-ħolma li tant kellha intoppi.

L-ewwel 4 planki, li tpoġġew quddiem xulxin minn mal-faċċata 'l ġewwa, kienu f'posthom sad-9.30am ta' l-istess ġurnata.

Minn hemm 'l quddiem, il-krejn ma setax jagħti aktar fil-fond u allura bdew jintużaw ir-*rollers* u l-ġakkijiet u minħabba f'hekk kellha tintrama xi għodda meħtieġa fuq il-knisja. Il-planki bdew jitpoġġew fuq xulxin, fuq l-ewwel erbgħa li telgħu u mbagħad jitmexxew bir-*rollers* biex jidħlu f'posthom. B'kollox kien hemm 29 planka u t-30 waħda kienet ġonta. Il-ġranet u l-ħin tat-tqegħid ta' kull planka kollha ġew irrekordjati mis-Sur Christian Micallef. Fi ftit kliem dawn huma l-ġranet u kemm tqieghdu f'kull jum:

**Il-Ħamis, 30 ta' Jannar 2003**
2 planki biss. Il-ħaddiema kellhom jieqfu mix-xogħol minħabba x-xita qawwija li bdiet nieżla. Ix-xogħol tkompla l-għada.

**Il-Ġimgħa, 31 ta' Jannar 2003**
Fis-7.10 ta' filgħodu nbeda x-xogħol fuq l-estenzjoni tar-*rails* biex b'hekk il-planki jkunu jistgħu jitwasslu sal-post proprju tagħhom. Iż-żewġ planki tal-ġurnata ta' qabel twasslu f'posthom u għal dakinhar ix-xogħol reġa' waqaf hawn.

**Is-Sibt, l-1 ta' Frar 2003**
6 planki, bl-aħħar waħda titħalla fuq ir-*rails*.

**Il-Ħadd, 2 ta' Frar, 2003**
It-12-il planka, li tħalliet il-ġurnata ta' qabel fuq ir-*rails*, tpoġġiet fil-post għal ħin tat-7.40 ta' filgħodu. Dakinhar b'kollox telgħu 13-il planka u għal darb'oħra l-aħħar waħda tħalliet fuq ir-rails.

**It-Tnejn, 3 ta' Frar 2003**
Kienet l-aħħar ġurnata ta' dan ix-xogħol daqshekk mistenni, li l-knisja parrokkjali l-ġdida tiddallam sew għax jingħalaq is-saqaf kollu.

Il-25 planka, li tħalliet il-ġurnata ta' qabel fuq ir-*rails*, tpoġġiet fil-post għall-ħin tas-7.15 ta' filgħodu;
Is-26 planka telqet minn isfel fis-7.30am u niżlet f'postha fit-8.10am;
Is-27 planka telqet minn isfel fit-8.15am u niżlet f'postha fid-8.45am;
It-28 planka telqet minn isfel fid-8.50am u niżlet f'postha fid-9.10am;
Fost ferħ u eċitament kbir, fid-9.25am telqet minn isfel l-aħħar waħda, id-29 planka. Din twasslet f'postha fl-9.50am fejn intqalet talba tà' ringrazzjament lil Alla u lil Santa Venera V.M. mill-Patrijiet Karmelitani u minn dawk li kienu preżenti għat-tlugħ ta' l-aħħar planka.


42

Kien baqa' biss li titpoġġa f'postha t-8 planka, li tħalliet fuq l-erba' planki ta' minn mal-kampnari 'l ġewwa biex tagħlaq għal kollox is-saqaf tal-knisja. Kienu erbatax-il ġurnata ta' qtigħ il-qalb, għall-bidu l-intoppi ma waqfux mentri bl-għajnuna tal-ħaddiema[42] u ta' kulħadd, il-poplu Vendriż wasal fejn ried biex b'hekk serraħ moħħu li għandu biċċa xogħol oħra lesta mill-knisja parrokkjali.

## Imut Emanuel Gatt – *Il-Pajsu*[43]


43

Fil-programm tal-festa tas-sena 2003, is-Sur Stanley Spiteri, fl-artiklu tiegħu kiteb li kien it-Tnejn 3 ta' Frar 2003, hekk kif wasal biex jiġbed *video* tat-tqegħid ta' l-aħħar planka tas-saqaf, f'nofs il-korsija tal-knisja l-ġdida, meta tawh l-aħbar kiefra tal-bidu ta' ħajja ġdida għal Leli *Il-Pajsu*. Ħafna minna konna nafu li Leli ma tantx kien jiflaħ, iżda l-aħbar ta' mewtu hekk ħesrem xorta ħasditna u proprju f'dak l-

eċċitament li konna għaddejjin minnu dak il-ħin. Marda qerrieda waqqfitu milli jkompli l-opra tant għal qalbu li għal tnax-il sena sħaħ kien ilu jaħdem fuqha. Kien jaħdem dejjem bi tbissima fuq fommu u qatt ma kien iħobb imieri lill-*Foreman* Ġanni D'Amato jew lis-Sinjuri Vincent Centorrino, Lino Bartolo jew lill-Perit Godwin Aquilina. F'intervista li s-Sur Spiteri kien għamillu nhar is-17 ta' Lulju 2002, għall-mistoqsija dwar x'kooperazzjoni sab waqt xogħlu f'din il-knisja, Leli barra li faħħar lil sħabu, huwa faħħar ħafna lill-Komunità Karmelitana. Kull ma kien jitlobhom lill-patrijiet kollox kienu jagħtuh. Kellu apprezzament qawwi għal xi Vendriżi bħas-Sur Pawlu Spiteri (*Ta' Karakina*), is-Sur Alfred Briffa u l-Kumitat Festi Esterni ta' Santa Venera. Kien jammira wkoll lis-Sur Ċisju Montebello meta dan kien jiġi fuq il-post jaħdem l-armi ewlenin ta' l-arkata u l-arma tal-faċċata tal-knisja. Spiteri jtemm fejn qal li martu kienet qaltlu li bosta drabi kienet tmur tfittxu barra u ma tarahx. Kienet tmur tfittxu fuq il-bejt u hemm kienet issibu jħares iċċassat lejn il-knisja ta' Santa Venera u jibki li ma laħaqx lestiha!

Fil-bidu tax-xahar ta' Marzu tkompla x-xogħol fuq l-arzella filwaqt li fin-naħa ta' barra, ta' fejn ġej iz-zuntier, saret rampa u taraġ temporanju biex wieħed ikun jista' jidħol il-knisja.

It-Tnejn 10 ta' Marzu 2003 beda xogħol ieħor, din id-darba fil-kripta. Dan ix-xogħol kien jikkonsisti fit-tħaxxin tal-ħitan biex ikun hemm rinfors biżżejjed għall-piż ta' l-arzella.

Fl-20 ta' Marzu 2003 beda jintrama t-*tower crane* fl-għalqa fejn hemm maħsub li 'l quddiem jinbena l-kunvent. It-*tower crane* kellu jintrama biex jitpoġġew il-vażi ta' l-arzella fuq wara tal-kor u b'hekk is-saqaf ikun lest minn kollox.

L-Erbgħa 9 ta' April 2003 ingħata l-*concrete* bejn il-planki biex jintrabtu waħda ma' l-oħra u sar il-kontrabejt għal kontra x-xita. Dakinhar ukoll tnaddfet sew mit-trab il-korsija tal-knisja u l-ġnub tagħha. Intgħamlu artal u ambone proviżorji.

## Il-Pellegrinaġġ tad-Duluri Jitlaq mill-Knisja l-Ġdida




Il-festa tad-Duluri għalina l-Vendriżi kienet speċjali dik is-sena. Dan għaliex kellu l-opportunità għall-ewwel darba jisma' quddiesa u jibda purċissjoni mill-knisja parrokkjali l-ġdida ta' Santa Venera. Il-Ġimgħa 11 ta' April 2003[44],

għall-ħabta tat-3.30pm, l-istatwa tad-Duluri ttellgħet b'mod privat mill-kripta ta' taħt għall-knisja l-ġdida minn membri u *helpers* tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M. Din tqiegħdet fuq il-lemin ta' l-artal fuq tliet filati *bricks*. Fil-5.00pm bdiet il-*Via Sagra*. Il-Pirjol Patri Raymond Calleja O. Carm. mexxa t-talb filwaqt li d-Djaknu Patri Jurgen Cucciardi O. Carm. refa' s-salib akkumpanjat mill-abbatini. Fil-5.30pm il-knisja tassew kien fiha dehra sabiħa b'mijiet ta' nies ferħanin li se jisimgħu għall-ewwel darba l-quddiesa[45] fil-knisja l-ġdida tagħhom. Qaddes il-Kappillan Patri Joseph Vella O. Carm. megħjun minn numru sabiħ ta' abbatini mmexxija minn Bro. Laurence Mercieca O. Carm. L-animazzjoni u l-kant tmexxew minn membri u tfal tal-Mużew tal-Bniet ta' Triq il-Kardinal Sciberras. Wara appell li għamel il-kappillan għall-ġabra b'riżq il-knisja l-ġdida, inġabet is-somma ta' Lm209.00. Wara l-quddiesa mijiet ta' nies ħarġu barra mill-knisja biex jimxu u jitolbu wara d-Duluri. Kienet dehra mill-isbaħ u kommoventi x'ħin tfaċċat l-istatwa fil-bieb u fost iċ-ċapċip tal-folla kbira, din inħarġet mill-bieb ewlieni tal-knisja l-ġdida.[46] It-talb tul il-pellegrinaġġ kien animat minn Patri Karm Ferrante O. Carm. u s-Sur Stanley Spiteri, filwaqt li s-sewwieq tal-vann kien is-Sur Joseph Cilia. Il-pelleginaġġ immexxi mill-*Boy Scouts* u l-*Girl Guides* ta' Santa Venera għadda minn diversi toroq madwar il-parroċċa. Kienet tassew festa speċjali għall-Vendriżi għax f'din l-okkazjoni tad-Duluri setgħu jaraw kemm twettaq xogħol fil-knisja l-ġdida u fl-istess ħin raw il-frott tal-ġenerożità finanzjarja tagħhom.


45


46

## Eliminata l-Arzella

Wara li saru d-disinji u l-kalkoli għall-arzella maestuża mis-Sur Vincent Centorino, deher ċar li minhabba l-kobor tagħha, kellhom isiru ħitan li jridu jitilgħu mill-kripta. Barra minn hekk l-ispiża kienet stmata 'l fuq minn mitt

elef lira Maltin (Lm100,000.00) u l-flus kienu spiċċaw. Għalhekk saru disinji oħra għall-kor. Fil-fatt kienu diġà nġabu madwar 490 važi kbar tal-ġebel u ħafna xogħol ieħor laħaq tlesta, mentri ġie deċiż li l-ġebel żejjed jintuża għall-kampnari.

Fis-26 ta' Mejju 2003 bdiet titpoġġa l-ewwel filata bil-gwarniċa fuq iż-żewġ kampnari.

## Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Pussess tal-Kappillan il-Ġdid fil-Knisja l-Ġdida[47]




Il-Ħadd 14 ta' Settembru 2003, iċ-ċelebrazzjoni tal-pussess tal-Kappillan il-ġdid Patri Alexander Scerri O. Carm. ġiet ippjanata li ssir proprju fil-proġett tal-Knisja l-Ġdida u b'hekk Patri Alex kien l-ewwel kappillan li ħa l-pussess f'din il-knisja. Għal din il-funzjoni storika l-knisja ħadet dehra oħra, ġiet imżejna bl-aħjar mod possibbli fejn fiha laqgħet madwar 1000 ruħ li attendew għal dan il-jum ta' bidu tal-ħidma pastorali tal-Kappillan tar-raħal




tagħna, Patri Alex. Il-kappillan intlaqa' b'ċapċip kbir x'ħin daħal fil-knisja wara li twassal mis-Soċjetà Filarmonika Santa Venera mill-knisja l-antika. Il-konċelebrazzjoni solenni tmexxiet mill-Vigarju Ġudizzjarju Monsinjur Arthur Said Pullicino flok l-E.T. Mons. Isqof A. Depasquale li kien indispost. Kien hemm għadd kbira ta' saċerdoti. Iż-żewġ Pirjoli taż-żewġ Komunitajiet Karmelitani Patri Raymond Calleja u Patri Amadeo Zammit kienu ż-żewġ xhieda ewlenin. Ħadu sehem bosta korijiet u kantanti tal-parroċċa tagħna kif ukoll il-Kor *Infaħħru lil Marija* tal-Fgura minn fejn temm il-ħidma pastorali Patri Alex biex ġie Santa Venera. Kollox mexa sinkronizzat u kienet ċelebrazzjoni li ħafna xtaqu li ma tintemmx.

## Il-Pellegrinaġġ tal-Madonna tal-Karmnu



Il-Ħadd 13 ta' Ottubru 2003 wara quddiesa konċelebrata mir-Rev. Kappillan Patri Alexander Scerri O. Carm. għall-ewwel darba sar il-ħruġ tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu mill-proġett tal-knisja parrokkjali l-ġdida. Bi knisja maħnuqa minn Vendriżi u nies oħra, laqgħu l-ħruġ tal-Madonna b'ċapċip kbir.[48] Ta' min isemmi li għall-ewwel darba l-Komunità Karmelitana taż-Żurrieq ġiet takkumpanja fil-purċissjoni tal-Madonna tal-Karmnu.

## Ix-Xogħol Jissokta

Matul ix-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru 2003 tkompla jinbena l-ħajt tal-kor li ħa post l-arzella.

Is-Sibt 6 ta' Diċembru 2003 tkompliet l-aħħar tieqa mill-għaxra l-kbar ta' isfel.

F'nofs Jannar 2004 tpoġġiet il-gwarniċa tas-saqaf tal-kor.

Nhar id-9 ta' Frar 2004 ingħata l-konkrit biex fuqu jitpoġġew il-planki tas-saqaf tal-kor.

Fit-12 ta' Frar 2004 inqalgħet biċċa mill-paviment tat-triq quddiem il-bieb tal-kripta fejn se jitpoġġa l-krejn li kellu jtella' l-planki tal-kor.

Matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2004 ingħata l-kontrabejt fuq il-planki tal-korsija.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu ntrama *tower crane* kbir quddiem il-bieb prinċipali tal-kripta. Ix-xogħol tlesta fis-7 ta' Marzu 2004.

Fl-10 u l-11 ta' Marzu 2004 tpoġġew id-9 planki tal-kor li ħadu post l-arzella.

Xogħol ieħor li sar kien it-tkomplija taż-żewġ kampnari.

It-Tnejn 17 ta' Mejju 2004 inbeda x-xogħol ta' tkaħħil u invjar fuq in-naħa tal-kor wara li ġew ikkuntattjati diversi kuntratturi. Il-ħaddiema li nista' ngħid li baqgħu għaddejjin bix-xogħol tagħhom sa l-aħħar kienu s-Sinjuri Arthur Cassar ta' 41 sena minn Ħal Qormi, Albert Tanti mir-Rabat Malta ta' 39 sena, Dismar Cauchi ta' 52 sena minn Ħal Tarxien, Manuel Bonello minn




San Ġiljan ta' 57 sena u Mario Carbone ta' 33 sena minn Bormla. Id-ditta li qiegħda tieħu ħsieb ix-xogħol kollu ta' l-invjar, tikħil tas-soqfa u *scaffolding* hija *WaterProof-It Ltd.* ta' l-Ibraġġ.[49]

Is-Sibt 29 ta' Mejju 2004 ingħata bidu għat-twaħħil tal-ħġieġ tat-twieqi l-kbar ta' taħt in-navi.

Fil-ġimgħa tal-festa titulari 2004 tlestiet parti mix-xogħol ta' l-invjar fuq in-naħa tal-kor. Wara l-festa dan ix-xogħol tkompla u għal nofs Ottubru 2004 tlesta l-invjar tal-parti ta' fuq tal-ħnejja tal-kor.

Nhar is-26 ta' Ottubru 2004 tpoġġew f'posthom iż-żewġ twieqi tal-kor filwaqt li dawn ġew kompluti bil-ħġieġ b'kollox nhar it-18 ta' Jannar 2005. L-*istained glass* inħadem mid-ditta *Mid-Way Stained Glass* ta' Birkirkara fuq disinn ta' Lino Bartolo.




## Jinħadem il-Bieb Temporanju l-Kbir[50]

Wara xi taħdidiet li kienu ilhom sejrin bejn il-Komunità Karmelitana u l-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M. u wara li d-*Draughtsman* tal-knisja s-Sur Lino Bartolo ra xi xogħol u kien kellem lill-Pirjol Patri Raymond Calleja u sussegwentament kienu tkellmu bejniethom, ġie deċiż li l-bieb temporanju l-kbir ta' barra jinħadem minn membri u *helpers* tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M. Lino Bartolo għamlilhom id-disinn u x-xogħol ta' l-injam ġie fdat f'idejn is-Sur Charlie Farrugia, filwaqt li l-ħadid inħadem kollu mis-Sur Jesmond Grech, soċji tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M. rispettivament. Jgħinuhom kellhom lis-Sinjuri Raymond Fenech, Edmond Sciberras u Pierre Vella.




Nhar is-Sibt 13 u l-Ħadd 14 ta' Novembru 2004, tpoġġa l-qafas tal-ħadid għal dan il-bieb li jinfetaħ b'sitt (6) bibien. Ġie jiswa ftit aktar minn elf lira Maltin.

Fil-fatt ix-xogħol fuq dan il-bieb inbeda f'Ottubru 2004 u tlesta bil-lostru b'kollox bejn l-aħħar ta' Diċembru 2004 u l-bidu ta' Jannar 2005. Sakemm tpoġġa f'postu fl-ewwel jiem ta' Lulju 2005, il-bieb intrefa fis-Sala *Miriam Hall* biex b'hekk jiġi evitat li jkun jista' jintlaqgħet mid-diversi ingenji li jidħlu fil-knisja.

Nhar it-8 ta' Novembru 2004 tpoġġew l-ewwel żewġ twieqi ta' fuq in-navi tal-korsija tan-naħa ta' isfel, dawk li jħarsu lejn in-naħa tal-Ħamrun.

## Titħabbar id-Data tal-Ftuħ u t-Tberik Uffiċjali tal-Knisja Parrokkjali

Fil-quddies tas-Sibt u tal-Ħadd, l-1 u 2 ta' Jannar 2005, il-patrijiet ħabbru li l-ftuħ uffiċjali tal-knisja parrokkjali l-ġdida kien se jsir nhar il-Ħadd, 17 ta' Lulju 2005.

It-Tnejn, 7 ta' Marzu 2005 twaqqfet kummissjoni mgħajta mill-Komunità Karmelitana biex tgħin lill-Patrijiet Karmelitani fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tal-ftuħ u tberik tal-knisja parrokkjali l-ġdida. Dawn huma: min-naħa tal-Patrijiet Karmelitani r-Rev. Kappillan Patri Alexander Scerri, ir-Rev. Pirjol Patri Raymond Calleja u r-Rev. Patri Jurgen Cucciardi O. Carm. flimkien mas-Sinjuri Lino Bartolo, Mario Coleiro, Chris Falzon, Eman Micallef, Edmond Sciberras, Stanley Spiteri u Josette Zerafa.




Nhar l-1 ta' Ġunju 2005, il-Komunità Karmelitana, f'laqgħa tal-kummissjoni ppreżentat il-programm uffiċjali kif ukoll disinn artistiku[51] li l-Komunità ser tuża għal dawn il-festi. Dan inħadem mis-Sur David Borg minn Ħaż-Żabbar.

## Jiġi Ordnat il-Paviment tal-Madum

Fil-5 ta' Frar 2005 beda jinħatt l-*iscaffolding* tal-kor biex ikun jista' jitkompla l-invjar. Wara ġew invjati l-kappella tas-Sagrament u n-niċeċ ta' Santa Venera V.M. u tal-Madonna tal-Karmnu.

L-Assistent tal-Perit, Lino Bartolo, insista mal-Patrijiet Karmelitani li l-knisja kellha tinkesa bil-madum għaliex inkella jkun diffiċli li titnaddaf jekk tibqa' bl-art tal-konkos, li riedu wkoll spiża biex jiġi rranġat. Huwa ppreżenta disinn lill-komunità u flimkien mal-Pirjol Patri Raymond Calleja O. Carm.

ġabu diversi kampjuni u stimi. Il-madum ġie ordnat nhar il-5 ta' Frar 2005 mingħand id-ditta *Ħal Mann* ta' Ħal Lija li tat l-għajnuna tagħha biex dan jitħallas bin-nifs.

It-Tnejn 14 ta' Marzu 2005 id-ditta *Electrofix Co. Ltd.* ta' Ħal Tarxien bdiet ix-xogħol ta' l-elettriku, xogħol li rrekjeda attenzjoni u pjanar minħabba l-ammont ta' pajpijiet li riedu jingħaddu minn taħt il-madum. L-ispiża se tlaħħaq eluf kbar ta' liri u l-biċċa l-kbira tax-xogħol irid isir qabel ma jitqiegħed il-paviment. Il-ħaddiema huma s-Sinjuri Jason Attard, li nzerta huwa d-Direttur ta' l-Armar fil-Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M., Lowell Fenech u Marco Spiteri.

Fl-istess żmien, il-*Foreman* Ġanni D'Amato kien qiegħed jaħdem żewġ pilastri għal fuq l-artal maġġur biex iżommu l-purtiera li se titqiegħed wara l-artal, li quddiemha se titpoġġa is-Sedja tal-Presbiteru li se jmexxi ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

L-Erbgħa 16 ta' Marzu 2005 beda jiżżarma t-*tower crane* li kien jinsab fl-għalqa ta' mal-kripta għax ma baqax użu għalih.



It-Tnejn 21 ta' Marzu 2005 ingħata bidu għall-qlugħ tal-kontrabejt[52] ta' dik li kienet il-kripta biex ikunu jistgħu jitgħaddew l-pajpijiet tad-dawl qabel ma jitqiegħed il-paviment tal-madum, li se sservi biss ta' sodda biex 'il quddiem isir il-paviment ta' l-irħam.

## Imut Joseph Mizzi – *Il-Ħaddied*



B'xorti ħażina, nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2005, għall-għarrieda, wara marda qasira, tħabbret il-mewt tal-ħaddied li kien qiegħed jaħdem it-twieqi s-Sur Ġużeppi Mizzi[53] ta' *Mid-Way Stained Glass*. Din kienet biċċa uġigħ ta' ras għall-Patrijiet Karmelitani peress li t-twieqi ma kinux lesti kollha, iżda wara xi diskussjonijiet ġie miftiehem li x-xogħol jiġi komplut minn uliedu Beverley u Robert bl-għajnuna tas-Sinjuri Clifford Borg St. John u Mario Sacco. Meta tkellimt ma' Robert stqarr miegħi li għalkemm ix-xogħol tal-

ħadid ma kien qatt il-linja tiegħu, iddeċieda li jidħol għall-kumplament tax-xogħol għax missieru Joseph dejjem kien jgħidlu li kienet ix-xewqa tiegħu li jara t-twieqi tal-knisja lesti f'posthom, xi ħaġa li ma kellux ix-xorti jarahom.


54

Sakemm laħaq inħatt l-i*scaffolding* tal-kor, il-Kavallier Joseph D'Amato[54] miż-Żurrieq, skultura l-kapitelli tal-prospettiva prinċipali.


55

Grupp ta' erba' ħaddiema Frankie Buttigieg, Louis Fiteni, Saviour Spiteri u Samuel Vella[55] bdew it-tkaħħil tal-kmamar sekondarji ċioè is-sagristija, il-kamra tal-qrar, il-*crying room* u xi kmamar oħra.

Nhar it-2 ta' Mejju 2005 inħatt fil-knisja l-madum u hawnhekk beda x-xogħol tat-tqegħid tas-sodda tat-⅜s u ramel li ġie mgħoddi bir-romblu biex dan seta' jiġi mballat.


56

Eżattament ġimgħa wara, it-Tnejn 9 ta Mejju, 2005 beda t-tqegħid tal-madum[56] mis-sur Grezzju Farrugia bl-għajnuna tat-tfal tiegħu Christopher u Jean Pierre.

Sadanittant tkompla l-invjar tad-dawra tal-kor u baqa' jiżżarma l-i*scaffolding*.


57

Il-Ħadd 22 ta' Mejju 2005 beda t-twaħħil ta' 24 tieqa' ta' l-*aluminium*[57] għall-kmamar sekondarji. Dawn inħadmu u nġabru mis-Sur George Borg minn Santa Venera u twaħħlu bl-għajnuna tas-Sur Michael Grech, ukoll minn Santa Venera.


58

It-Tnejn 23 ta' Mejju 2005 ittieħed ir-romblu[58] li ntuża biex jiġi mballat iż-żrar u r-ramel tas-sodda ta' taħt il-madum filwaqt li dakinhar stess beda l-bini tat-taraġ ta' l-artal.



Fuq il-presbiterju qiegħed jitħejja post għall-qari tal-Kelma ta' Alla (l-ambone) u post għall-fonti tal-magħmudija.[59]



## Pittura fuq il-Prospettiva Prinċipali

Waqt waħda mid-diversi laqgħat li kien ikollu mal-komunità, Lino Bartolo infurmahom li fil-kwadru ta' fuq il-prospettiva, jixtieq li ssir pittura li turi lil Kristu Pancrator, bil-figura ta' Marija omm il-Karmelu u n-naħa l-oħra l-figura ta' Santa Venera V.M. Fil-fond tagħha huwa ssuġġerixxa li jsiru l-figuri ta' Sant'Agata li skond it-tradizzjoni kienet tgħix ma' Santa Venera meta kienet Malta, il-Beatu Ġorġ Preca li għal żmien twil għex u miet f'din il-parroċċa ftit 'il bogħod mill-knisja l-ġdida. In-naħa l-oħra fl-isfond naraw lil Elija tiela' s-sema fuq karru tan-nar u dehra tal-knisja l-antika ta' Santa Venera biex tibqa' tfakkarna tul iż-żmien fl-importanza li għandha għall-parroċċa. Lino Bartolo informa lill-komunità li kien se jitlob lis-Sur Michael Attard, iċ-*Chairman* tal-kumpanija li bniet il-knisja biex jiffinanzja din l-opra. Meta kellem lis-Sur Michael Attard dan laqa' bil-ferħa din l-offerta u fl-aħħar jiem ta' Marzu ġie ffirmat il-kuntratt. Nisperaw li din il-pittura tkun f'postha għall-ftuħ tal-knisja. F'isem il-Vendriżi rridu nirringrazzjaw lis-Sur Michael Attard ta' dan il-ġest sabiħ li se jibqa' jfakkarna fih għal dejjem.

## *Via Sagra*, Sopraporta u Linef

Meta tlabt lis-Sur Mario Coleiro xi tagħrif dwar il-*Via Sagra*, mill-ewwel qalli li l-knisja hija d-dar ta' Alla u għalhekk jixraq li tkun armata kif imiss. Sa mill-bidu tal-bini tal-knisja l-ġdida dan il-ħsieb kien f'moħħ il-Vendriżi u issa li l-knisja hija lesta, beda jidher ix-xogħol li sar f'dawn l-aħħar snin biex il-knisja tibda tiżżejjen kif jixraq. Ftit tas-snin ilu l-knisja tagħna qalgħet b'rigal sett ta' *Via Sagra* ferm sabiħa li qabel kienet fil-knisja tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża tal-Blata l-Bajda. Din kienet tneħħiet minn din il-knisja meta kien sar ix-xogħol ta' modernizzar biex fiha jitqiegħed il-fdal tal-Beatu Ġorġ Preca li kien joqgħod Santa Venera. L-erbatax-il stazzjon tal-*Via*

*Sagra* jikkonsistu f'alto riljev li jikkonsisti f'madwar seba' figuri kull waħda. Dawn x'aktarx huma xogħol id-ditta Franċiża *Gallard & Fils* ta' Marsilja. Ġie deċiż li ma' dawn l-erbatax-il stazzjon jiżdiedu tnejn oħra li juru l-Aħħar Ċena u Kristu Rxoxt u dan biex il-*Via Sagra* tkun skond il-liturġija u titqiegħed b'mod unit fil-knisja. Ix-xogħol ta' l-alto riljev sar mis-Sur Renzo Gauci ta' Ħal Tarxien filwaqt li l-kwadri saru mis-Sur Mario Vassallo. Il-kumplament tal-Via Sagra ġiet restawrata u mogħtija dehra li tixraq aktar għall-knisja tagħna, minn Mario Coleiro[60], Viċi-President tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera. Is-Sinjuri Jesmond Grech u Charlie Farrugia, soċju u membru tal-kumitat rispettivament, ħadmu x-xogħol tal-ħadid biex il-*Via Sagra* setgħet tiddendel mal-pilastri tal-knisja.


60


61

Xogħol ieħor li sar biex il-knisja tkompli tiżżejjen kien mis-Sur Johnny Mizzi[61] minn Santa Venera, bil-kollaborazzjoni tas-Sinjuri Mario Amaira u Joseph Zammit li ħadmu s-sopraporta biex magħha jiddendel il-pavaljun tad-damask fin-nava fejn se tintrama l-vara. Ix-xogħol ta' l-induratura sar mill-istess persuni. Ma' dawn ħadmu wkoll żewġ lopop għal-linef u żewġ brazzi għal mal-pilastri ta' fejn se tintrama l-vara. L-iskultura tagħhom ħadimhom is-Sur Edmond Sciberras. Id-damask inxtara minn Mario Coleiro u xi donaturi oħrajn u l-ħjata tiegħu saret mis-Sur Ernest Camilleri. Mario Coleiro ħadem ukoll sett ta' sitt xemgħat biex jintramaw fejn il-vara. Id-ditta *Dallas* ta' Triq Ħal Qormi tal-Ħamrun offrew żewġ linef biex jintramaw ħdejn il-vara titulari. Is-Sur Joe Cucciardi minn Santa Venera ħadem ix-xogħol tal-karpenterija fuq l-artal biex dan seta' jiġi trasportat fil-knisja l-ġdida.

## Għeluq

B'dan it-tagħrif ippruvajt niġbor flimkien dak li ġara f'medda ta' aktar minn 532 sena. Kull kelma għandha titqies bħala radd il-ħajr lill-Mulej u lill-Qaddisa Titulari Santa Venera ta' kemm għamlu ma' din il-parroċċa. Ikun xieraq li l-kontenut kollu niddedikah b'ringrazzjament lil Alla tas-saħħa u l-kapaċità li ta lill-ħaddiema kollha, lil kull min b'xi mod ikkontribwixxa, lil

dawk kollha li offrew l-għajnuna tagħhom, lill-poplu Vendriż kollu u lil tant Patrijiet Karmelitani li bl-għaqal tad-deċiżjonijiet li ħadu u bil-ħila tagħhom illum qegħdin ngħixu avveniment storiku bħal dan fir-raħal tagħna ta' Santa Venera. Bix-xieraq li nsellem lil dawk kollha li kienu involuti fil-knisja sa minn meta Santa Venera saret parroċċa u li llum m'għadhomx magħna, għax li kieku ma kinitx id-determinazzjoni tagħhom, kieku aħna ma writniex dan kollu. Biex wasalt għal dawn il-kitbiet kienet meħtieġa l-għajnuna ta' diversi, fosthom ir-Rev. Patri Robert Farrugia O. Carm. ta' l-għajnuna tiegħu għal tagħrif mill-knisja l-antika, lir-Rev. Kappillan Patri Alex Scerri O. Carm. għal tagħrif konness mal-parroċċa, ir-Rev. Pirjol Patri Raymond Calleja O. Carm., ir-Rev. Pirjol Patri Amadeo Zammit O. Carm. u r-Rev. Patri Maurice Abela O. Carm., Segretarju tal-Provinċja Karmelitana għal tagħrif tal-provinċja.

Nirringrazzja wkoll lis-Sur Stanley Spiteri ta' l-għajnuna tiegħu fil-Malti u għar-ritratti, lid-*Draughtsman* Lino Bartolo tat-tagħrif utli fuq il-proġett tal-knisja, lis-Sur Michael Zerafa għar-ritratti u tagħrif, lis-Sur Mario Coleiro għat-tagħrif storiku tiegħu, lis-Sur Christian Micallef għall-informazzjoni miġbura meta ssaqqfet il-korsija tal-knisja u lis-Sinjuri Vince Calleja, Paul Gauci, Charles Muscat u Paul Xuereb għar-ritratti.

## ADDENDA

**Provinċjali – bl-Uffiċċju Tagħhom f'Santa Venera**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | W. Rev. Patri Spiridjun Vassallo O. Carm. | 1916-1925; |
| 2. | W. Rev. Patri Ġorġ Borg O. Carm. | 1967-1969; |
| 3. | W. Rev. Patri Ġustin Sant O. Carm. | 1969-1976; |
| 4. | W. Rev. Patri Manuel Gatt O. Carm. | 1979-1984 u |
| 5. | W. Rev. Patri Robert Farrugia O. Carm | 1991-1997. |

**Pirjoli – Knisja l-Antika u Matriċi**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Rev. Patri Dijonisju Spiteri O. Carm. | 1918-1923; |
| 2. | Rev. Patri Ġwanni Mallia O. Carm. | 1923-1926; |
| 3. | Rev. Patri Angelo Ciantar O. Carm. | 1926-1929; |
| 4. | Rev. Patri Indrì Spiteri O. Carm. | 1929-1935; |
| 5. | Rev. Patri Alfons Zammit O. Carm. | 1935-1946; |
| 6. | Rev. Patri Ġwann Zahra O. Carm. | 1946-1952; |
| 7. | Rev. Patri Leone Buhagiar O. Carm. | 1952-1955; |
| 8. | Rev. Patri Ġwann Zahra O. Carm. | 1955-1961; |
| 9. | Rev. Patri Anton Vidal O. Carm. | 1961-1964; |
| 10. | Rev. Patri Marjan Farrugia O. Carm. | 1964-1970; |
| 11. | Rev. Patri Robert Farrugia O. Carm. | 1970-1972; |
| 12. | Rev. Patri Renato Valente O. Carm. | 1972-1979; |
| 13. | Rev. Patri Samwel Abela O. Carm. | 1979-1982; |
| 14. | Rev. Patri Pier Tumas Gatt O. Carm. | 1982-1988; |
| 15. | Rev. Patri Pawlin Cremona O. Carm. | 1988-1989; |
| 16. | Rev. Patri Joe Cilia O. Carm. | 1989-1991; |
| 17. | Rev. Patri Pier Tumas Gatt O. Carm. | 1991-1997; |

18. Rev. Patri Robert Farrugia O. Carm. 1997-2000;
19. Rev. Patri Pier Tumas Gatt O. Carm. 2000-2003 u
20. Rev. Patri Amadeo Zammit O. Carm. 2003-

**Pirjoli – Knisja l-Ġdida**

1. Rev. Patri Guido Micallef O. Carm. 1980-1982;
2. Rev. Patri Louis Bajada O. Carm. 1982-1988;
3. Rev. Patri Franġisk Grech O. Carm. 1988-1994;
4. Rev. Patri Ġiljan Calleja O. Carm. 1994-2000 u
5. Rev. Patri Raymond Calleja O. Carm. 2000-

**Kappillani – bis-Sede fil-Knisja l-Antika u Matriċi**

1. Rev. Patri Ġwann Azzopardi O. Carm., mill-Mosta – 1918-1923
   (Twieled nhar it-12 ta' Ġunju 1879 u miet fit-13 ta' Awissu 1943);
2. Rev. Patri Indrì O. Carm., mill-Belt Valletta – 1923-1935
   (Twieled nhar is-7 ta' Awissu 1873 u miet nhar l-24 ta' Settembru 1949);
3. Rev. Patri Alphons Zammit O. Carm., miż-Żejtun – 1935-1946
   (Twieled nhar it-30 ta' Mejju 1899 u miet nhar l-14 ta' Mejju 1997);
4. Rev. Patri Wistin Caruana O. Carm., miż-Żejtun – 1946-1961
   (Twieled nhar it-2 ta' Ġunju 1900 u miet nhar it-3 ta' Marzu 1969);
5. Rev. Patri Kiljan Azzopardi O. Carm., minn Ħal Luqa – 1961-1967
   (Twieled nhar it-22 ta' Frar 1932 u miet nhar l-4 ta' Lulju 1998);
6. Rev. Patri Franġisk Grech O. Carm., mill-Ħamrun – 1967-1979
   (Twieled nhar it-3 ta' Awissu 1926 u miet nhar il-15 ta' Jannar 2004);
7. Rev. Patri Ġużeppi Falzon O. Carm., mill-Ħamrun – 1979-1988
   (Twieled nhar it-12 ta' Ottubru 1944);
8. Rev. Patri Damian Cachia O. Carm., mill-Ħamrun – 1988-1991
   (Twieled nhar it-18 ta' Marzu 1934).

**Kappillani – bis-Sede fil-Knisja Parrokkjali (il-Kripta)**

9. Rev. Patri Joe Vella O. Carm., mill-Fgura – 1991-2003
   (Twieled nhar is-7 ta' Awissu 1958); u
10. Rev. Patri Alexander Scerri O. Carm., mill-Ħamrun – 2003-
   (Twieled nhar is-6 ta' Diċembru 1971).

**Riferenzi:**

*Il-Karmelitani f'Santa Venera* – Santa Venera Lulju/Awissu 1984; *Il-Karmelitani f'Santa Venera* **minn Fr. Patrick Abela O. Carm.** – Programm tal-Festa ta' Santa Venera V.M. 1966; *Il-Knisja Parrokkjali u l-Kunvent tal-Karmnu f'Santa Venera* **minn Fr. David Felice Pace O. Carm.** – Programm tal-Festa ta' Santa Venera V.M. 1967; *Il-Knisja l-Ġdida ddedikata lil Santa Venera* **mill-Kappillan Patri Kiljan Azzopardi O. Carm.** – Programm tal-Festa ta' Santa Venera 22-26 ta' Lulju 1964; *Il-Mixja lejn Knisja Parrokkjali Ġdida ta' Santa Venera* **b'tagħrif miġbur minn Silvio Farrugia** – Programm tal-Festi f'Ġieħ Santa Venera V.M. 1990; *Il-Ħolma Ssir Realtà, Il-Mixja lejn Knisja Parrokkjali Ġdida ta' Santa Venera* **b'tagħrif miġbur minn Silvio Farrugia** – Programm tal-Festi f'Ġieħ Santa Venera V.M. 1991-1992; *Il-Knisja l-Qadima u Matriċi u l-Kunvent Tagħha* **b'kitba ta' Mario Coleiro**; *Il-Mixja ta' 75 Sena Parroċċa* **b'tagħrif u kitba ta' Mario Coleiro** – Programm tal-Festi ta' Tifkira f'Ġieħ Santa Venera V.M. f'Għeluq il-75 Sena Parroċċa 1993; *Il-Progress li Sar fil-Bini tal-Knisja Parrokkjali l-Ġdida ta' Santa Venera* **b'tagħrif miġbur minn Mario Coleiro** – Programm tal-Festa f'Ġieħ Santa Venera V.M. 1994, 1995, 1996, 1997, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004; *Il-Ftuħ tal-Kripta tal-Knisja l-Ġdida – Ġrajja li seħħet 30 sena ilu* **minn Michael Zerafa** – Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M. – Programm tal-Festa 1999; *Ġurnata u Ħin Memorabbli* **minn Mario Coleiro**; *Apprezzament Emanuel Gatt ("Il-Pajsu")* **– kitba ta' Stanley Spiteri** – Kumitat Festi Esterni Santa Venera V.M. Festa 2003; *Il-Karmelitani f'Santa Venera 1913-2000* **ta' Patri Serafin Abela O. Carm.**; u Arkivji tal-Knisja l-Antika u Matriċi.